| C0220 sa C0280/R1510 | Primjums gwadanjati — Gross | Definizzjoni ta' primjums gwadanjati tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: Huma t-total tal-primjums grossi sottoskritti bit-tnaqqis tal-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati relatati ma' operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni proporzjonali aċċettati. |
| C0220 sa C0280/R1520 | Primjums gwadanjati — Sehem tar-riassiguraturi | Definizzjoni ta' primjums gwadanjati tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: hija s-sehem tar-riassiguratur fil-primjums grossi sottoskritti bit-tnaqqis tal-bidla fis-sehem tar-riassiguratur fil-provvediment għal primjums mhux gwadanjati. |
| C0220 sa C0280/R1600 | Primjums gwadanjati — Nett | Definizzjoni ta' primjums gwadanjati tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: hija t-total tal-primjums grossi sottoskritti bit-tnaqqis tal-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati fir-rigward tat-total tal-operazzjonijiet diretti u l-operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni aċċettati bit-tnaqqis tal-ammont ċedut lill-impriżi tar-riassigurazzjoni. |
| C0220 sa C0280/R1610 | Pretensjonijiet imġarrba — Gross | Pretensjonijiet imġarrba matul il-perjodu ta' rappurtar kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma ta' pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet tul is-sena finanzjarja, relatata ma' kuntratti tal-assigurazzjoni li jirriżultaw minn operazzjonijiet diretti u ta' riassigurazzjoni gross.<br>Dan jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0220 sa C0280/R1620 | Pretensjonijiet imġarrba — Sehem tar-riassiguraturi | Pretensjonijiet imġarrba matul il-perjodu ta' rapportar kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: din hija sehem ir-riassiguratur fit-total tal-pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet tul is-sena finanzjarja.<br>Dan jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet. |
| C0220 sa C0280/R1700 | Pretensjonijiet imġarrba — Nett | Pretensjonijiet imġarrba matul il-perjodu ta' rapportar kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser it-total tal-pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment għal pretensjonijiet matul is-sena finanzjarja fir-rigward tat-total tal-operazzjonijiet diretti u l-operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni aċċettati bit-tnaqqis tal-ammont ċedut lill-impriżi tar-riassigurazzjoni.<br>Dan jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet. |

▼M1

| | | |
|---|---|---|
| minn C0220 sa C0280/R1710 | Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra – Gross | Id-definizzjoni ta' bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri l-bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra relatati ma' kuntratti ta' assigurazzjoni li jirriżultaw minn operat dirett u ta' riassigurazzjoni grossa.<br>Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva (tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi oħra li jwassal għal profitt) jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva (żieda ta' provvedimenti tekniċi oħra li twassal għal telf). |
| minn C0220 sa C0280/R1720 | Bidla fi provvedimenti tekniċi oħra — Is-sehem tar-riassiguraturi | Id-definizzjoni ta' bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri s-sehem tar-riassiguraturi f'bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra.<br>Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva. |
| minn C0220 sa C0280/R1800 | Bidla fi provvedimenti tekniċi oħra – Nett | Id-definizzjoni ta' bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri l-bidliet netti fi provvedimenti tekniċi oħra relatati massomma tal-operat dirett u tal-operat tar-riassigurazzjoni aċċettat mnaqqas bl-ammont ċedut lil impriżi tar-riassigurazzjoni.<br>Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva (tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi oħra li jwassal għal profitt) jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva (żieda ta' provvedimenti tekniċi oħra li twassal għal telf). |

▼B

| | | |
|---|---|---|
| C0220 sa C0280/R1900 | Spejjeż imġarrba | L-ispejjeż tekniċi kollha mġarrba mill-impriża matul il-perjodu ta' rapportar, fuq bażi tad-dovuti. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0280/R2500 | Spejjeż oħra | Spejjeż tekniċi oħra mhux koperti bl-ispejjeż imsemmija hawn fuq u mhux maqsuma skont il-linji operatorji.<br>Ma għandhomx jinkludu spejjeż mhux tekniċi bħal taxxi, spejjeż tal-imgħax, telf fuq disponiment, eċċ. |
| C0280/R2600 | Spejjeż totali | Ammont tal-ispejjeż tekniċi kollha li jikkorrispondu għall-pajjiżi koperti minn din il-formula. |

**S.12.01 — Provvedimenti Tekniċi tal-Ħajja u s-Saħħa SLT**

**Kummenti ġenerali:**

Din it-taqsima għandha x'taqsam mad-divulgazzjoni annwali tal-informazzjoni għal entitajiet individwali.

L-impriżi jistgħu japplikaw approssimazzjonijiet xierqa fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi kif imsemmi fl-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 2015/35. Barra minn hekk, l-Artikolu 59 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 2015/35 jista' jiġi applikat biex jiġi kalkulat il-marġni ta' riskju matul is-sena finanzjarja.

Linja Operatorja għal obbligi tal-ħajja: Il-linji operatorji, imsemmija fl-Artikolu 80 tad-Direttiva 2009/138/KE, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35. Is-segmentazzjoni għandha tirrifletti n-natura tar-riskji sottostanti l-kuntratt (sustanza) u mhux il-forma legali tal-kuntratt (forma). B'mod awtomatiku, meta kuntratt tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkopri riskji fil-linji operatorja kollha, l-impriżi għandhom, fejn possibbli, jaqsmu l-obbligi fil-linji operatorja xierqa (l-Artikolu 55 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 2015/35).

Linji operatorji "Marbuta ma' indiċi u marbuta ma' assigurazzjoni", "Assigurazzjoni oħra tal-ħajja" u "Assigurazzjoni tas-saħħa" huma maqsumin bejn "Kuntratti mingħajr opzjonijiet u garanziji" u "Kuntratti b'opzjonijiet jew garanziji". Għal din il-qasma għandu jiġi kkunsidrat dan li ġej:

— "Kuntratti mingħajr opzjonijiet u garanziji" għandhom jinkludu l-ammonti relatati ma' kuntratti mingħajr garanzija finanzjarja jew opzjonijiet kuntrattwali, li jfisser li l-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi ma jirriflettix l-ammont ta' xi garanzija finanzjarja jew opzjoni kuntrattwali.

— Kuntratti b'opzjonijiet kuntrattwali mhux materjali jew garanziji finanzjarji li ma jkunux riflessi fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi għandhom jiġu divulgati f'din il-kolonna ukoll;

— "Kuntratti b'opzjonijiet jew garanziji" għandhom jinkludu kuntratti li jew għandhom garanziji finanzjarji, opzjonijiet kuntrattwali, jew it-tnejn li huma għax il-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi jirrifletti l-eżistenza ta' dawn il-garanziji finanzjarji u l-opzjonijiet kuntrattwali.

L-informazzjoni divulgati għandha tkun gross bir-riassigurazzjoni peress li informazzjoni dwar Rekuperabbli mir-riassigurazzjoni/mir-riassigurazzjoni SPV u Finite hija mitlub f'ringieli speċifiċi.

L-informazzjoni li għandha tiġi divulgata bejn R0010 u R0100 għandha tkun wara l-aġġustament għall-volatilità, l-aġġustament għall-korrispondenza u aġġustament tranżizzjonali għall-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti jekk jiġu applikati iżda ma tinkludix it-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. L-ammont ta' tat-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi huwa meħtieġ separatament bejn ir-ringieli R0110 u R0130.

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| **Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom** | | |
| C0020, C0030, C0060, C0090, C0100, C0160, C0190, C0200/R0010 | Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom | L-ammont ta' provvedimenti tekniċi kkalkulati fl-intier tagħhom għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 2015/35. |
| C0150/R0010 | Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom — Total (Tal-ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unità) | Ammont totali ta' provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għall-Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unità |
| C0210/R0010 | Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom — Total (Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja) | L-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom għas-saħħa SLT. |
| C0020, C0030, C0060, C0090, C0100 to C0140, C0160, C0190, C0200/R0020 | Rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/SPV u Finite Re wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti assoċjat mal-PT fl-intier tagħhom | L-ammont ta' rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite Re wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti tal-provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 2015/35. |
| C0150/R0020 | Total ta' Rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite RE wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti assoċjat mal-PT fl-intier tagħhom — Total (Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet) | Ammont totali ta' rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite RE wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti assoċjat mal-Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għal Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet. |
| C0210/R0020 | Total ta' Rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite RE wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti assoċjat mal-PT fl-intier tagħhom — Total (Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja) | Ammont totali ta' rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite RE wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti ta' provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għal Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| **Provvedimenti tekniċi kalkulati bħala somma tal-aħjar stima u marġni ta' riskju** | | |
| C0020, C0040, C0050, C0070, C0080, C0090, C0100 sa C0140, C0170, C0180, C0190, C0200/R0030 | Provvedimenti tekniċi kalkulati bħala somma tal-Aħjar Stima u Marġni ta' riskju, l-Aħjar Stima Gross | L-ammont tal-Aħjar Stima Gross (mingħajr tnaqqis tar-riassigurazzjoni, SPVs u Finite Re skont l-Artikolu 77(2) tad-Direttiva 2009/138/KE) għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35. |
| C0150/R0030 | Provvedimenti tekniċi kalkulati bħala s-somma tal-Aħjar Stima u Marġni ta' riskju, l-Aħjar Stima Gross — Total (Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet) | Ammont totali tal-Aħjar Stima Gross (mingħajr tnaqqis ta' riassigurazzjoni, SPVs u Finite RE skont l-Artikolu 77(2) tad-Direttiva 2009/138/KE) għal Ħajja minbarra assigurazzjoni tal-ħajja, inklużi Marbuta ma' Unitajiet. |
| C0210/R0030 | Provvedimenti tekniċi kalkulati bħala s-somma tal-Aħjar Stima u Marġni ta' riskju, l-Aħjar Stima Gross — Total (Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja) | Ammont totali tal-Aħjar Stima Gross (mingħajr tnaqqis ta' riassigurazzjoni, SPVs u Finite RE skont l-Artikolu 77(2) tad-Direttiva 2009/138/KE) għal Ħajja simili għal assigurazzjoni tal-ħajja. |
| C0020, C0040, C0050, C0070, C0080, C0090, C0100 sa C0140, C0170, C0180, C0190, C0200/R0040 | Rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/SPV u Finite Re wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti | L-ammont ta' rekuperabbli wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-possibbiltà ta' inadempjenza tar-riassiguratur, kif definit fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2009/138/KE, inkluż riassigurazzjoni intragrupp ċeduta, għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35. |
| C0150/R0080 | Total ta' Rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite RE wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti — Total (Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet) | L-ammont totali ta' Rekuperabbli wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-possibbiltà ta' inadempjenza tar-riassiguratur, kif definit fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2009/138/KE, inkluż riassigurazzjoni ċeduta intra grupp, għal Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet. |
| C0210/R0080 | Total ta' Rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite RE wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti — Total (Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja) | L-ammont totali ta' rekuperabbli wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-possibbiltà ta' inadempjenza tar-riassiguratur, kif definit fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2009/138/KE, inkluż riassigurazzjoni ċeduta intragrupp, għal tas-Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-Ħajja. |
| C0020, C0040, C0050, C0070, C0080, C0090, C0100, C0170, C0180, C0190, C0200/R0090 | L-aħjar stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite Re | Ammont tal-Aħjar Stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV kull Linja Operatorja |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0150/R0090 | L-Aħjar Stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riassigurazzjoni SPV u Finite Re — Total (Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet) | Ammont totali tal-Aħjar Stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riassigurazzjoni SPV u Finite Re, għal tal-Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet. |
| C0210/R0090 | L-Aħjar Stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite Re — Total (Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-Ħajja) | Ammont totali tal-Aħjar Stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite Re għal tas-Saħħa simili għall-assigurazzjoni tal-ħajja. |
| C0020, C0030, C0060, C0090, C0100 to C0140, C0160, C0190, C0200/R0100 | Marġni ta' riskju | L-ammont ta' marġni ta' riskju, kif definit fl-Artikolu 77(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35. |
| C0150/R0100 | Marġni ta' Riskju — Total (Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unità) | Ammont totali ta' Marġni ta' Riskju għall-Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet. |
| C0210/R0100 | Marġni ta' Riskju — Total (saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja) | Ammont totali ta' Marġni ta' Riskju għal Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja. |

**Ammont tat-tranżizzjonali fuq il-Provvedimenti Tekniċi**

| | | |
|---|---|---|
| C0020, C0030, C0060, C0090, C0100, C0160, C0190, C0200/R0110 | Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom | Ammont tat-tnaqqis tranżizzjonali fil-Provvedimenti Tekniċi allokati għal provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom, għal kull Linja Operatorja.<br>►**M1** Dan il-valur għandu jkun divulgat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi. ◄ |
| C0150/R0110 | Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom — Total (Tal-ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unità) | Ammont ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokati għal provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għal tal-Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet<br>►**M1** Dan il-valur għandu jkun divulgat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi. ◄ |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0210/R0110 | Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom — Total (Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja) | Ammont ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokati għal provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għal tas-Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja).<br>►**M1** Dan il-valur għandu jkun divulgat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi. ◄ |
| C0020, C0040, C0050, C0070, C0080, C0090, C0100, C0170, C0180, C0190, C0200/R0120 | L-Aħjar Stima | Ammont tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokati għall-aħjar stima, għal kull Linja Operatorja.<br>►**M1** Dan il-valur għandu jkun divulgat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi. ◄ |
| C0150/R0120 | L-Aħjar Stima — Total (Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet) | Ammont totali ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokati għall-aħjar stima għall-Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet<br>►**M1** Dan il-valur għandu jkun divulgat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi. ◄ |
| C0210/R0120 | L-Aħjar Stima — Total (Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja) | Ammont totali ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokati għall-aħjar stima għal tas-Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja).<br>►**M1** Dan il-valur għandu jkun divulgat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi. ◄ |
| C0020, C0030, C0060, C0090, C0100, C0160, C0190, C0200/R0130 | Marġni ta' riskju | Ammont tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokati għall-marġni ta' riskju, għal kull Linja Operatorja.<br>►**M1** Dan il-valur għandu jkun divulgat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi. ◄ |
| C0150/R0130 | Marġni ta' Riskju — Total (Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unità) | Ammont totali ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokati għall-marġni ta' riskju għal tal-Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet<br>►**M1** Dan il-valur għandu jkun divulgat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi. ◄ |
| C0210/R0130 | Marġni ta' Riskju — Total (saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja) | Ammont totali ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokati għall-marġni ta' riskju għal tas-Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja.<br>►**M1** Dan il-valur għandu jkun divulgat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi. ◄ |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| **Provvedimenti tekniċi — Totali** | | |
| C0020, C0030, C0060, C0090, C0100, C0160, C0190, C0200/ R0200 | Provvedimenti tekniċi — Totali | L-ammont totali ta' Provvedimenti Tekniċi għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 2015/35, inklużi l-provvedimenti tekniċi kalkulati bħala total u wara t-tnaqqis tranżizzjonali għall-provvedimenti tekniċi. |
| C0150/R0200 | Provvedimenti tekniċi — Total — Total (Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet) | L-ammont totali ta' Provvedimenti Tekniċi għal Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet, inklużi provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom u wara t-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. |
| C0210/R0200 | Provvedimenti tekniċi — Total — Total (Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja) | L-ammont totali ta' Provvedimenti Tekniċi għal Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja, inklużi l-provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom u wara t-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. |

**S.17.01 — Provvedimenti Tekniċi Mhux tal-Ħajja**

**Kummenti ġenerali:**

Din it-taqsima għandha x'taqsam mad-divulgazzjoni annwali tal-informazzjoni għal entitajiet individwali.

L-impriżi jistgħu japplikaw approssimazzjonijiet xierqa fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi kif imsemmi fl-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 2015/35. Barra minn hekk, l-Artikolu 59 tar-Regolament Delegat Nru 2015/35 jista' jiġi applikat biex jiġi kalkulat il-marġni ta' riskju matul issena finanzjarja.

Linja operatorja għal obbligi mhux tal-ħajja: Il-linji operatorji, imsemmija fl-Artikolu 80 tad-Direttiva 2009/138/KE, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 isemmu l-operazzjonjiet diretti/riassigurazzjoni proporzjonali aċċettata u r-riassigurazzjoni mhux proporzjonali aċċettata. Is-segmentazzjoni għandha tirrifletti n-natura tar-riskji sottostanti l-kuntratt (sustanza) u mhux il-forma legali tal-kuntratt (forma).

Operazzjonijiet tal-assigurazzjoni diretta tas-saħħa ħlief dawk imwettqa fuq bażi simili għal dik tal-assigurazzjoni tal-ħajja għandhom jitqassmu fil-linji operatorji ta' Mhux tal-Ħajja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, 1 sa 3.

Riassigurazzjoni proporzjonali aċċettata għandha titqies flimkien mal-operazzjonijiet diretti f'C0020 sa C0130.

L-informazzjoni li għandha tiġi divulgata bejn R0010 u R0280 għandha tkun wara l-aġġustament għall-volatilità, l-aġġustament għall-korrispondenza u aġġustament tranżizzjonali għall-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti jekk jiġu applikati iżda ma tinkludix it-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. L-ammont tat-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi huwa meħtieġ separatament bejn ir-ringieli R0290 u R0310.

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| **Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom** | | |
| C0020 sa C0170/R0010 | Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom | L-ammont ta' provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, fir-rigward ta' operazzjonijiet diretti u aċċettati.<br>Dan l-ammont għandu jkun gross bi kwalunkwe rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni/SPV u Finite Re relatati ma' dawn l-operazzjonijiet. |
| C0180/R0010 | Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom — Total tal-obbligu Mhux tal-Ħajja | L-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom fir-rigward ta' operazzjonijiet diretti u aċċettati.<br>Dan l-ammont għandu jkun gross bi kwalunkwe rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni/SPV u Finite Re relatati ma' dawn l-operazzjonijiet. |
| C0020 sa C0170/R0050 | Rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/SPV u Finite Re wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti assoċjat mal-PT fl-intier tagħhom | L-ammont ta' rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite Re wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti tal-provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 2015/35. |
| C0180/R0050 | Rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/SPV u Finite Re wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti assoċjat mal-PT fl-intier tagħhom | L-ammont totali, għal-linji operatorji kollha, ta' rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite Re wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti tal-provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 2015/35. |
| **Provvedimenti tekniċi kalkulati bħala somma tal-aħjar stima u marġni ta' riskju — l-Aħjar Stima** | | |
| C0020 sa C0170/R0060 | L-aħjar stima ta' provvedimenti għall-primjums, Gross, totali | L-ammont tal-aħjar stima għall-provvedimenti għall-primjums, gross bl-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni, veikoli bi skop speċjali u riassigurazzjoni finite, għal kull linja operatorja fir-rigward tal-operazzjonijiet diretti u aċċettati. |
| C0180/R0060 | Total tal-obbligi Mhux tal-Ħajja, l-Aħjar Stima ta' provvedimenti għall-Primjums, Gross, totali | L-ammont totali tal-aħjar stima għall-provvedimenti għall-primjums, gross bl-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni, veikoli bi skop speċjali u riassigurazzjoni finite, fir-rigward tal-operazzjonijiet diretti u aċċettati. |
| C0020 sa C0170/R0140 | L-aħjar stima tal-Provvedimenti għall-primjums, Rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati | L-ammont ta' rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti, għal kull linja operatorja fir-rigward tal-operazzjonijiet diretti u operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni aċċettata. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0180/R0140 | Total tal-obbligi Mhux tal-Ħajja, l-aħjar stima tal-Provvedimenti għall-primjums, Rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti | L-ammont totali ta' Rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti, b'referenza għall-aħjar stima għall-provvedimenti għall-primjums. |
| C0020 sa C0170/R0150 | L-aħjar stima netta tal-Provvedimenti għall-primjums — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati | L-ammont tal-aħjar stima netta għall-provvedimenti għall-primjums, għal kull linja operatorja. |
| C0180/R0150 | Total tal-obbligi Mhux tal-Ħajja, l-Aħjar Stima netta tal-Provvedimenti għall-Primjums | L-ammont totali tal-aħjar stima netta għall-provvedimenti tal-primjum. |
| C0020 sa C0170/R0160 | L-aħjar stima tal-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet, Gross, Totali | L-ammont tal-aħjar stima għall-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet, gross bl-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni, veikoli bi skop speċjali u riassigurazzjoni finite, għal kull linja operatorja fir-rigward tal-operazzjonijiet diretti u aċċettati. |
| C0180/R0160 | Total tal-obbligi Mhux tal-Ħajja, l-Aħjar Stima ta' provvedimenti għall-Pretensjonijiet, Gross, totali | L-ammont totali tal-aħjar stima għall-provvedimenti għall-Pretensjonijiet, gross bl-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni, veikoli bi skop speċjali u riassigurazzjoni finite. |
| C0020 sa C0170/R0240 | L-aħjar stima tal-Provvedimenti għall-pretensjonijiet, Rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati | L-ammont rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti, għal kull linja operatorja fir-rigward tal-operazzjonijiet diretti u ta' riassigurazzjoni aċċettata. |
| C0180/R0240 | Total tal-obbligi Mhux tal-Ħajja, l-aħjar stima tal-Provvedimenti għall-diretti u operazzjonijiet, Rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti | L-ammont totali ta' Rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti, b'referenza għall-aħjar stima għall-provvedimenti għall-pretensjonijiet. |
| C0020 sa C0170/R0250 | L-aħjar stima netta tal-Provvedimenti għall-pretensjonijiet — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati | L-ammont tal-aħjar stima netta għall-provvedimenti għall-pretensjonijiet, għal kull linja operatorja fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati. |
| C0180/R0250 | Total tal-obbligi Mhux tal-Ħajja, l-Aħjar Stima netta tal-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet | L-ammont totali tal-aħjar stima netta għall-provvedimenti tal-pretensjonijiet. |
| C0020 sa C0170/R0260 | L-aħjar stima totali, Gross — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati | L-ammont tal-Aħjar stima gross totali, għal kull linja operatorja fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0180/R0260 | Total tal-obbligi Mhux tal-Ħajja, Total tal-Aħjar Stima, Gross | L-ammont totali tal-Aħjar Stima Gross (somma tal-Provvedimenti għall-Primjums u tal-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet). |
| C0020 sa C0170/R0270 | L-aħjar stima totali, Nett — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati | L-ammont tal-Aħjar stima nett totali, għal kull linja operatorja fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati. |
| C0180/R0270 | Total tal-obbligi Mhux tal-Ħajja, Total tal-Aħjar Stima, Nett | L-ammont totali tal-Aħjar Stima Nett (somma tal-Provvedimenti għall-Primjums u tal-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet). |
| C0020 sa C0170/R0280 | Provvedimenti tekniċi kalkulati bħala somma tal-aħjar stima u marġni ta' riskju — Marġni ta' Riskju | L-ammont ta' marġni ta' riskju, kif meħtieġ mid-Direttiva 2009/138/KE (l-Artikolu 77(3)). Il-marġni ta' riskju jiġi kalkulat għall-portafoll kollu tal-obbligi ta' (ri)assigurazzjoni u mbagħad allokat lil kull linja operatorja individwali, fir-rigward tal-operazzjonijiet diretti u l-operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni aċċettati. |
| C0180/R0280 | Obbligi Mhux tal-Ħajja totali, Marġni ta' riskju totali | L-ammont totali ta' marġni ta' riskju, kif meħtieġ mid-Direttiva 2009/138/KE (l-Artikolu 77(3)). |

**Ammont tat-tranżizzjonali fuq il-Provvedimenti Tekniċi**

| | | |
|---|---|---|
| C0020 sa C0170/R0290 | Ammont tat-tranżizzjonali fuq il-Provvedimenti Tekniċi —<br>Provvedimenti tekniċi kalkolati fl-intier tagħhom | L-ammont tat-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokat għall-provvedimenti tekniċi kalkolati fit-totalità tagħhom, għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 2015/35.<br>►**M1** Dan il-valur għandu jkun divulgat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi. ◄ |
| C0180/R0290 | Ammont tat-tranżizzjonali fuq il-Provvedimenti Tekniċi —<br>Provvedimenti tekniċi kalkolati fl-intier tagħhom | L-ammont totali, għal-linji operatorji kollha, tat-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokat għall-provvedimenti tekniċi kalkolati fit-totalità tagħhom, għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 2015/35.<br>►**M1** Dan il-valur għandu jkun divulgat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi. ◄ |
| C0020 sa C0170/R0300 | Ammont tat-tranżizzjonali fuq il-Provvedimenti Tekniċi —<br>L-Aħjar Stima | L-ammont tat-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokat għall-aħjar stima, għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 2015/35.<br>►**M1** Dan il-valur għandu jkun divulgat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi. ◄ |
| C0180/R0300 | Ammont tat-tranżizzjonali fuq il-Provvedimenti Tekniċi —<br>L-Aħjar Stima | L-ammont totali, għal-linji operatorji kollha, tat-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokat għall-aħjar stima, għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 2015/35.<br>►**M1** Dan il-valur għandu jkun divulgat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi. ◄ |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0020 sa C0170/R0310 | Ammont tat-tranżizzjonali fuq il-Provvedimenti Tekniċi —<br>Marġni ta' riskju | L-ammont tat-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokat għall-marġni tar-riskju, għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 2015/35.<br>►**M1** Dan il-valur għandu jkun divulgat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi. ◄ |
| C0180/R0310 | Ammont tat-tranżizzjonali fuq il-Provvedimenti Tekniċi —<br>Marġni ta' riskju | L-ammont totali, għal-linji operatorji kollha, tat-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokat għall-marġni tar-riskju, għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 2015/35.<br>►**M1** Dan il-valur għandu jkun divulgat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi. ◄ |

**Provvedimenti tekniċi — Totali**

| | | |
|---|---|---|
| C0020 sa C0170/R0320 | Provvedimenti tekniċi, Total — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati | L-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi grossi, għal kull linja operatorja fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettata, inklużi l-provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom u wara t-tnaqqis tat-tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. |
| C0180/R0320 | Obbligi Mhux tal-Ħajja totali, Provvedimenti tekniċi — Total | L-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi grossi, fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettat, inklużi l-provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom u wara t-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. |
| C0020 sa C0170/R0330 | Provvedimenti tekniċi, Rekuperabbli totali minn kuntratti ta' riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati | L-ammont totali ta' rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti, għal kull linja operatorja fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati. |
| C0180/R0330 | Obbligi Mhux tal-Ħajja totali, Rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati | L-ammont totali ta' rekuperabbli minn kuntratti ta' riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite wara l-aġġustament għal telf mistenni minħabba inadempjenza tal-kontroparti, fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati. |
| C0020 sa C0170/R0340 | Provvedimenti tekniċi, Total — Provvedimenti bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite — operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettata | L-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi netti, għal kull linja operatorja fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettata, inklużi l-provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom u wara t-tnaqqis tat-tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. |
| C0180/R0340 | Obbligi Mhux tal-Ħajja totali, Provvedimenti tekniċi bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riassigurazzjoni u SPV — Operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretti u aċċettati | L-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi netti, fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' riassigurazzjoni diretta u aċċettat, inklużi l-provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom u wara t-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. |

▼B

**S.19.01. — Pretensjonijiet tal-assigurazzjoni Mhux tal-ħajja**

Din it-taqsima għandha x'taqsam mad-divulgazzjoni annwali tal-informazzjoni għal entitajiet individwali.

Triangoli tal-iżvilupp tal-pretensjonijiet juru l-istima tal-assiguratur tal-kost tal-pretensjonijiet (pretensjonijiet imħallsa u provvedimenti għall-pretensjonijiet skont il-prinċipju tal-valwazzjoni tas-Solvibbiltà II) u kif din l-istima tiżviluppa tul iż-żmien.

L-impriżi huma meħtieġa jiddivulgaw dejta fuq il-bażi tas-sena ta' inċident jew sottoskrizzjoni, f'konformità ma' kwalunkwe rekwiżit tal-Awtorità Superviżjora Nazzjonali. Jekk l-Awtorità Superviżorja Nazzjonali ma tkunx stipulat x'għandu jintuża, allura l-impriża tista' tuża s-sena ta' aċċident jew ta' sottoskrizzjoni skont kif timmaniġġja kull linja operatorja, sakemm tuża l-istess sena b'mod konsistenti, minn sena għal sena.

Din il-formula għandha tiġi divulgata għat-total tan-negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja iżda għandha titqassam skont is-sena tas-sottoskrizzjoni u s-sena tal-inċident jekk l-impriża tuża bażijiet differenti.

It-tul prestabbilit ta' trijangolu run-off huwa 10 + 1 snin iżda r-rekwiżit ta' divulgazzjoni huwa bbażat fuq l-iżvilupp tal-pretensjonijiet tal-impriża (jekk it-tul taċ-ċiklu tas-saldu tal-pretensjonijiet ikun iqsar minn 10 snin, l-impriżi huma meħtieġa jiddivulgaw skont l-iżvilupp intern iqsar).

Id-dejta storika, li tibda mill-ewwel applikazzjoni tas-Solvibbiltà II, hija meħtieġa għall-pretensjonijiet imħallsa (jiġifieri għandu jiġi divulgat is-sett sħiħ) iżda mhux l-Aħjar Stima tal-Provvedimenti tal-Pretensjonijiet. Għall-kumpilazzjoni tad-dejta storika għal pretensjonijiet imħallsa l-istess approċċ rigward it-tul tat-trijanglu għad-divulgazzjoni kurrenti se jiġi applikat (jiġifieri l-iqsar bejn 10 + 1 snin u ċ-ċiklu tas-saldu tal-pretensjonijiet tal-impriża).

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| Z0020 | Sena tal-aċċident jew sena tas-sottoskrizzjoni | Iddivulga l-istandard użat mill-impriżi għad-divulgazzjoni tal-iżvilupp tal-pretensjonijiet. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin minn din il-lista magħluqa:<br>1 — Sena tal-aċċident<br>2 — Sena tas-sottoskrizzjoni |
| C0010 sa C0110/ R0100 sa R0250 | Pretensjonijiet Imħallas Gross (mhux kumulattiv) — Triangolu | Pretensjonijiet Imħallsa Gross, nett mis-salvataġġ u s-surroga, eskluži l-ispejjeż, fi triangolu li juri l-iżviluppi tal-pagamenti grossi tal-pretensjonijiet li diġà saru: għal kull sena ta' aċċident/sottoskrizzjoni minn N-9 (u qabel) u għal perjodi ta' rapportar preċedenti kollha sa — u inkluż — N (l-aħħar sena ta' rapportar) irrapporta l-pagamenti li diġà saru korrispondenti f'kull sena tal-iżvilupp (li huwa dewmien bejn id-data tal-aċċident /sottoskrizzjoni u d-data tal-ħlas).<br>Id-dejta tkun f'ammont assolut, mhux kumulattiv u mhux skontat. |
| ▼M1<br>minn C0170/ R0100 sa R0260 | Pretensjonijiet Grossi Mħallsa (mhux kumulattivi) — Fis-sena attwali | Total "Sena attwali" jirrifletti l-aħħar dijagonali (id-dejta kollha b'referenza għall-aħħar sena ta' rappurtar) minn R0100 sa R0250.<br>R0260 hija t-total ta' R0100 sa R0250. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0180/ R0100 sa R0260 | Pretensjonijiet Grossi Mħallsa — Somma tas-snin (kumulattiv) | Total tas-“Somma tas-snin” fiha s-somma tad-dejta kollha fir-ringieli (is-somma tal-pagamenti kollha b'referenza għas-sena tal-aċċident/sottoskrizzjoni ), inkluż it-total. |
| C0200 sa C0300/ R0100 sa R0250 | L-Aħjar Stima mhux skontata Gross tal-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet — Trijanglu | Triangoli tal-aħjar stima mhux skontata tal-provvedimenti għall-pretensjonijiet, gross bir-riassigurazzjoni għal kull sena ta' aċċident/sottoskrizzjoni minn N-9 (u qabel) u għal perjodi ta' rappurtar preċedenti kollha — inkluż — N (l-aħħar sena ta' rappurtar). L-aħjar stima tal-provvedimenti għall-pretensjonijiet tirrelata ma' avvenimenti li seħħew fid-data tal-valwazzjoni jew qabel, irrispettivament minn jekk il-pretensjonijiet li jirriżulatw minn dawn l-avvenimenti ġewx rappurtati jew le.<br>Id-dejta tkun f'ammont assolut, mhux kumulattiv u mhux skontat. |
| ▼M1 minn C0360/ R0100 sa R0260 | L-Aħjar Stima Gross tal-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet — Tmiem is-sena (dejta skontata) | It-total ta' “Tmiem is-sena” jirrifletti l-aħħar dijagonal iżda mhux fuq bażi skontata (id-dejta kollha b'referenza għall-aħħar sena ta' rappurtar) minn R0100 sa R0250.<br>R0260 hija t-total ta' R0100 sa R0250. |

▼B

**S.22.01 — L-impatt tal-miżuri tal-garanziji u t-tranżizzjonali fit-tul**

**Kummenti ġenerali:**

Din it-taqsima għandha x'taqsam mad-divulgazzjoni annwali tal-informazzjoni għal entitajiet individwali.

Din il-formula hija rilevanti meta l-impriża tuża mill-inqas miżura waħda ta' garanzija jew tranżizzjonali fit-tul.

Din il-formula għandha tirrifletti l-impatt fuq il-pożizzjonijiet finanzjarji meta ma tintużax tranżizzjonali u kull miżura LTG jew tranżizzjonali tkun żero. Għal dak l-għan, għandu jiġi segwit approċċ pass pass fejn il-miżuri tranżizzjonali u LTG jitneħħew waħda waħda u mingħajr ma jiġi rikalkulat l-impatt tal-miżuri li jifdal wara kull pass.

L-impatti jridu jiġu divulgati fil-pożittiv jekk iżidu l-ammont tal-entrata li tkun qed tiġi divulgati u fin-negattiv jekk inaqqsu l-ammont tal-entrata (pereż. jekk l-ammont ta' RKS jiżdied jew jekk l-ammont ta' Fondi Proprji jiżdied allura għandhom jiġu divulgati valuri pożittivi).

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| ▼M1 C0010/R0010 | L-ammont b'miżuri ta' garanzija fit-tul u miżuri tranżitorji — Provvedimenti Tekniċi | L-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi grossi inkluži miżuri ta' garanzija fit-tul u miżuri tranżitorji. |

▼M1

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0030/R0010 | Impatt ta' miżura tranżitorja fuq il-provvedimenti tekniċi – Provvedimenti Tekniċi | L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni ta' miżura tranżitorja fuq il-provvedimenti tekniċi.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżitorju fil-provvedimenti tekniċi u l-provvedimenti tekniċi b'miżuri ta' garanzija fit-tul u b'miżuri tranżitorji. |
| C0050/R0010 | L-impatt ta' miżura tranżitorja fuq ir-rata tal-imgħax – Provvedimenti Tekniċi | L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżitorju fl-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi. |
| C0070/R0010 | L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Provvedimenti tekniċi | L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju. |
| C0090/R0010 | L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Provvedimenti Tekniċi | L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament għall-korrispondenza jkunu żero.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra. |

▼B

| | | |
|---|---|---|
| C0010/R0020 | Ammont ta' miżuri LGT u tranżizzjonali — Fondi bażiċi proprji | L-ammont totali ta' fondi proprji bażiċi kalkulat meta wieħed jikkunsidra l-provvedimenti tekniċi inklużi l-aġġustamenti minħabba l-miżuri ta' garanzija fit-tul u l-miżuri tranżizzjonali. |
| C0030/R0020 | Impatt tat-tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi — Fondi proprji bażiċi | L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi kalkulati meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi u jqis il-provvedimenti tekniċi bil-garanzija fit-tul (“LTG”) u l-miżuri tranżizzjonali. |

▼M1

| | | |
|---|---|---|
| C0050/R0020 | Impatt ta' miżura tranżitorja fuq ir-rata tal-imgħax – Fondi proprji bażiċi | L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżizzjonali fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi ikkalkulati filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-fondi proprji bażiċi ikkalkulati bil-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi. |

▼M1

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0070/R0020 | L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Fondi proprji bażiċi | L-ammont tal-aġġustament fil-Fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tgħall-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u l-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju. |
| C0090/R0020 | L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Fondi proprji bażiċi | L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament għall-korrispondenza jkunu żero.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u l-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra. |

▼B

| | | |
|---|---|---|
| C0010/R0050 | Ammont ta' miżuri LGT u tranżizzjonali — Fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS | L-ammont totali ta' fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS kalkulat meta wieħed jikkunsidra l-provvedimenti tekniċi inklużi l-aġġustamenti minħabba l-miżuri ta' garanzija fit-tul u l-miżuri tranżizzjonali. |
| C0030/R0050 | Impatt tat-tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi — Fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS | L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKS minħabba l-applikazzjoni ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKS kalkulati meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi u jqis il-provvedimenti tekniċi b'LTG u miżuri tranżizzjonali. |

▼M1

| | | |
|---|---|---|
| C0050/R0050 | Impatt ta' miżura tranżitorja fuq ir-rata tal-imgħax — Fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS | L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi. |

▼M1

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0070/R0050 | L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS | L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju. |
| C0090/R0050 | L-impatt tal-aġġustament għall-korrispondenza stabbilit bħala żero – Fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS | L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament għall-korrispondenza jkunu żero.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra. |

▼B

| | | |
|---|---|---|
| C0010/R0090 | Ammont ta' miżuri LGT u tranżizzjonali — RKS | L-ammont totali ta' RKS kalkulat meta wieħed jikkunsidra l-provvedimenti tekniċi inklużi l-aġġustamenti minħabba l-miżuri ta' garanzija fit-tul u l-miżuri tranżizzjonali. |
| C0030/R0090 | Impatt tat-tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi — RKS | L-ammont tal-aġġustament fir-RKS minħabba l-applikazzjoni ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKS kalkulat meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi u jqis il-provvedimenti tekniċi b'miżuri LTG u tranżizzjonali. |

▼M1

| minn C0080 sa C0140/R0500 | Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra — Nett | Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: l-ammont nett tal-bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra jirrappreżenta t-total tal-operat dirett u tal-operat tar-riassigurazzjoni aċċettat mnaqqas bl-ammont ċedut lil impriżi tar-riassigurazzjoni.<br>Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva (tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi oħra li jwassal għal profitt) jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva (żieda ta' provvedimenti tekniċi oħra li twassal għal telf). |

▼B

| | | |
|---|---|---|
| C0080 sa C0140/R0550 | Spejjeż imġarrba | Spejjeż tekniċi kollha mġarrba mill-grupp matul il-perjodu ta' rapportar, fuq bażi tad-dovuti. |
| C0140/R1200 | Spejjeż oħra | Spejjeż tekniċi oħra mhux koperti bl-ispejjeż imsemmija hawn fuq u mhux maqsuma skont il-linji operatorji.<br>Ma għandhomx jinkludu spejjeż mhux tekniċi bħal taxxi, spejjeż tal-imgħax, telf fuq disponiment, eċċ. |
| C0140/R1300 | Spejjeż totali | Ammont tal-ispejjeż tekniċi kollha li jikkorrispondu għall-pajjiżi koperti minn din il-formula. |

**Obbligi tal-assigurazzjoni tal-ħajja**

| | | |
|---|---|---|
| C0160 sa C0200/R1400 | L-ewwel 5 pajjiżi (skont l-ammont ta' primjums grossi sottoskritti) — obbligi tal-ħajja | Identifika l-kodiċi ISO3166-1 alpha-2 tal-pajjiżi li qed jiġu divulgati għall-obbligi tal-ħajja. |
| C0220 sa C0280/R1410 | Primjums sottoskritti — Gross | Definizzjoni ta' primjums sottoskritti tinsab fl-applikazzjoni tad-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: primjums grossi miktuba għandhom jinkludu l-ammonti kollha dovuti matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti tal-assigurazzjoni, li jirriżultaw minn operazzjonijiet grossi, minkejja l-fatt li dawn l-ammont jistgħu jirrigwardaw kompletament jew parzjalment sena finanzjarja futura. |
| C0220 sa C0280/R1420 | Primjums sottoskritti — Sehem tar-riassiguraturi | Definizzjoni ta' primjums sottoskritti tinsab fl-applikazzjoni tad-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: primjums grossi miktuba għandhom jinkludu l-ammonti kollha ċeduti lil riassiguraturi matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti tal-assigurazzjoni minkejja l-fatt li dawn l-ammont jistgħu jirrigwardaw kompletament jew parzjalment sena finanzjarja futura. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0220 sa C0280/R1500 | Primjums sottoskritti — nett | Definizzjoni ta' primjums sottoskritti tinsab fl-applikazzjoni tad-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: il-primjums sottoskritti netti jirrappreżentaw it-total tal-operazzjonijiet diretti u operazzjonijiet tal-assigurazzjoni aċċettati imnaqqas bl-ammont ċedut lil impriżi tar-riassigurazzjoni. |
| C0220 sa C0280/R1510 | Primjums gwadanjati — Gross | Definizzjoni ta' primjums gwadanjati tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: huma s-somma tal-primjums grossi sottoskritti bit-tnaqqis tal-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati relatati ma' operazzjonijiet diretti u tar-riassigurazzjoni gross aċċettati. |
| C0220 sa C0280/R1520 | Primjums gwadanjati — Sehem tar-riassiguraturi | Definizzjoni ta' primjums gwadanjati tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: hija s-sehem tar-riassiguratur fil-primjums grossi sottoskritti bit-tnaqqis tal-bidla fis-sehem tar-riassiguratur fil-provvediment għal primjums mhux gwadanjati. |
| C0220 sa C0280/R1600 | Primjums gwadanjati — Nett | Definizzjoni ta' primjums gwadanjati tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: is-somma tal-primjums grossi sottoskritti bit-tnaqqis tal-bidla fil-provvediment gross għal primjums mhux gwadanjati fir-rigward tat-total tal-operazzjonijiet diretti u l-operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni aċċettati bit-tnaqqis tal-ammont ċedut lill-impriżi tar-riassigurazzjoni. |
| C0220 sa C0280/R1610 | Pretensjonijiet imġarrba — Gross | Pretensjonijiet imġarrba matul il-perjodu ta' rapportar kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma ta' pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet tul is-sena finanzjarja, relatata ma' kuntratti tal-assigurazzjoni li jirriżultaw minn operazzjonijiet diretti u ta' riassigurazzjoni gross.<br>Dan jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet. |
| C0220 sa C0280/R1620 | Pretensjonijiet imġarrba — Sehem tar-riassiguraturi | Pretensjonijiet imġarrba matul il-perjodu ta' rapportar kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: din hija sehem ir-riassiguratur fit-total tal-pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment tal-pretensjonijiet tul is-sena finanzjarja.<br>Dan jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet. |
| C0220 sa C0280/R1700 | Pretensjonijiet imġarrba — Nett | Pretensjonijiet imġarrba matul il-perjodu ta' rapportar kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: il-pretensjonijiet imġarrba tfisser is-somma tal-pretensjonijiet imħallsa u l-bidla fil-provvediment għal pretensjonijiet matul is-sena finanzjarja fir-rigward tas-somma tal-operazzjonijiet diretti u l-operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni aċċettati bit-tnaqqis tal-ammont ċedut lill-impriżi tar-riassigurazzjoni.<br>Dan jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| ▼M1 | | |
| minn C0220 sa C0280/R1710 | Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra – Gross | Id-definizzjoni ta' bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri l-bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra relatati ma' kuntratti ta' assigurazzjoni li jirriżultaw minn operat dirett u ta' riassigurazzjoni grossa.<br>Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva (tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi oħra li jwassal għal profitt) jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva (żieda ta' provvedimenti tekniċi oħra li twassal għal telf). |
| minn C0220 sa C0280/R1720 | Bidla fi provvedimenti tekniċi oħra — Is-sehem tar-riassiguraturi | Id-definizzjoni ta' bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri s-sehem tar-riassiguraturi f'bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra.<br>Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva. |
| minn C0220 sa C0280/R1800 | Bidla fi provvedimenti tekniċi oħra – Nett | Id-definizzjoni ta' bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri l-bidliet netti fi provvedimenti tekniċi oħra relatati massomma tal-operat dirett u tal-operat tar-riassigurazzjoni aċċettat mnaqqas bl-ammont ċedut lil impriżi tar-riassigurazzjoni.<br>Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva (tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi oħra li jwassal għal profitt) jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva (żieda ta' provvedimenti tekniċi oħra li twassal għal telf). |
| ▼B | | |
| C0220 sa C0280/R1900 | Spejjeż imġarrba | Spejjeż tekniċi kollha mġarrba mill-grupp matul il-perjodu ta' rapportar, fuq bażi tad-dovuti. |
| C0280/R2500 | Spejjeż oħra | Spejjeż tekniċi oħra mhux koperti bl-ispejjeż imsemmija hawn fuq u mhux maqsuma skont il-linji operatorji.<br>Ma għandhomx jinkludu spejjeż mhux tekniċi bħal taxxi, spejjeż tal-imgħax, telf fuq disponiment, eċċ. |
| C0280/R2600 | Spejjeż totali | Ammont tal-ispejjeż tekniċi kollha li jikkorrispondu għall-pajjiżi koperti minn din il-formula. |

**S.22.01 — L-impatt tal-miżuri tal-garanziji u t-tranżizzjonali fit-tul**

**Kummenti ġenerali:**

Din it-taqsima hija marbuta mad-divulgazzjoni annwali għall-gruppi.

Din il-formula hija rilevanti meta mill-inqas miżura ta' garanzija fit-tul jew tranżizzjonali waħda tintuża minn kwalunkwe impriża fi ħdan l-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp.

Din il-formula għandha tirrifletti l-impatt fuq il-pożizzjonijiet finanzjarji meta ma tintużax tranżizzjonali u kull miżura LTG jew tranżizzjonali tkun żero. Għal dak l-għan, għandu jiġi segwit approċċ pass pass fejn il-miżuri tranżizzjonali u LTG jitneħħew waħda waħda u mingħajr ma jiġi rikalkulat l-impatt tal-miżuri li jifdal wara kull pass.

▼B

L-impatti jridu jiġu divulgati fil-pożittiv jekk iżidu l-ammont tal-entrata li tkun qed tiġi divulgata u fin-negattiv jekk inaqqsu l-ammont tal-entrata (pereż. jekk l-ammont ta' RKS jiżdied jew jekk l-ammont ta' Fondi Proprji jiżdied allura għandhom jiġu divulgati valuri pożittivi).

l-ammonti divulgati f'din il-formola għandhom ikunu netti ta' tranżazzjonijiet bejn il-grupp.

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| **Provvedimenti tekniċi** | | |
| ▼M1 | | |
| C0010/R0010 | L-ammont b'miżuri ta' garanzija fit-tul u miżuri tranżitorji — Provvedimenti Tekniċi | L-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi grossi inklużi miżuri ta' garanzija fit-tul u miżuri tranżitorji. |
| C0030/R0010 | Impatt ta' miżura tranżitorja fuq il-provvedimenti tekniċi – Provvedimenti Tekniċi | L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni ta' miżura tranżitorja fuq il-provvedimenti tekniċi.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżitorju fil-provvedimenti tekniċi u l-provvedimenti tekniċi b'miżuri ta' garanzija fit-tul u b'miżuri tranżitorji. |
| C0050/R0010 | L-impatt ta' miżura tranżitorja fuq ir-rata tal-imgħax – Provvedimenti Tekniċi | L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżitorju fl-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi. |
| C0070/R0010 | L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Provvedimenti tekniċi | L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju. |
| C0090/R0100 | L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKM | L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKM minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament ta' korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament għall-korrispondenza jkunu żero.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKM kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKM kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0010/R0020 | Ammont ta' miżuri LGT u tranżizzjonali — Fondi bażiċi proprji | L-ammont totali ta' fondi proprji bażiċi kalkulat meta wieħed jikkunsidra l-provvedimenti tekniċi inklużi l-aġġustamenti minħabba l-miżuri ta' garanzija fit-tul u l-miżuri tranżizzjonali. |
| C0030/R0020 | Impatt tat-tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi — Fondi proprji bażiċi | L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni tat-tnaqqis tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi kalkulati meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi u jqis il-provvedimenti tekniċi b'miżuri LTG u tranżizzjonali. |
| ▼M1 | | |
| C0050/R0020 | Impatt ta' miżura tranżitorja fuq ir-rata tal-imgħax – Fondi proprji bażiċi | L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżizzjonali fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi ikkalkulati filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-fondi proprji bażiċi ikkalkulati bil-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi. |
| C0070/R0020 | L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Fondi proprji bażiċi | L-ammont tal-aġġustament fil-Fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tgħall-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u l-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju. |
| C0090/R0020 | L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Fondi proprji bażiċi | L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament għall-korrispondenza jkunu żero.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u l-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra. |
| ▼B | | |
| C0010/R0050 | Ammont ta' miżuri LGT u tranżizzjonali — Fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw l-RKS | L-ammont totali ta' fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza (RKS) kalkulat meta wieħed jikkunsidra l-provvedimenti tekniċi inklużi l-aġġustamenti minħabba l-miżuri ta' garanzija fit-tul u l-miżuri tranżizzjonali. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0030/R0050 | Impatt tat-tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi — Fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw l-RKS | L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eleġibbli biex jissodisfa r-RKS minħabba l-applikazzjoni ta' tnaqqis tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS kalkulata meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi u jqis il-provvedimenti tekniċi b'miżuri LTG u tranżizzjonali. |

▼M1

| | | |
|---|---|---|
| C0050/R0050 | Impatt ta' miżura tranżitorja fuq ir-rata tal-imgħax — Fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS | L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi. |
| C0070/R0050 | L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS | L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju. |
| C0090/R0050 | L-impatt tal-aġġustament għall-korrispondenza stabbilit bħala żero – Fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS | L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament għall-korrispondenza jkunu żero.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0010/R0090 | Ammont ta' miżuri LGT u tranżizzjonali — RKS | L-ammont totali ta' RKS kalkulat meta wieħed jikkunsidra l-provvedimenti tekniċi inklużi l-aġġustamenti minħabba l-miżuri ta' garanzija fit-tul u l-miżuri tranżizzjonali. |
| C0030/R0090 | Impatt tat-tranżizzjonali fuq il-provvedimenti tekniċi — RKS | L-ammont tal-aġġustament fir-RKS minħabba l-applikazzjoni ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKS kalkulat meta wieħed iqis il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi u jqis il-provvedimenti tekniċi b'miżuri LTG u tranżizzjonali. |
| ▼M1 C0050/R0090 | Impatt tal-miżura tranżitorja fuq ir-rata tal-imgħax — RKS | L-ammont tal-aġġustament fir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżitorju fl-istruttura relevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKS ikkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u r-RKS ikkalkulat bil-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi. |
| C0070/R0090 | L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — RKS | L-ammont tal-aġġustament fir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-volatilità. Dan għandu jirrifletti l-impatt ta' meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u r-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju. |
| C0090/R0090 | L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — RKS | L-ammont tal-aġġustament fir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament ta' korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament għall-korrispondenza jkunu żero.<br>Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKS ikkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u ir-RKS ikkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra. |

▼B

**S.23.01. Fondi proprji**

**Kummenti ġenerali:**

Din it-taqsima hija marbuta mad-divulgazzjoni tal-informazzjoni tal-ftuħ, trimestrali u annwali għall-gruppi.

Il-mudell huwa applikabbli skont it-tliet metodi ta' kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp. Minħabba li l-maġġoranza tal-oġġetti huma applikabbli għall-parti tal-grupp li hija koperta mill-metodu 1, l-oġġetti applikabbli meta jintuża t-Tnaqqis u d-Diżagreggazzjoni, esklussivament jew flimkien mal-metodu 1, huma identifikati b'mod ċar fl-istruzzjonijiet.

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| R0010/C0010 | Kapital azzjonarju ordinarju (gross bl-ishma proprji) — Total | Dan huwa t-total tal-kapital azzjonarju ordinarju, miżmum direttament kif ukoll indirettament (qabel it-tnaqqis tal-ishma proprji). Dan huwa t-total tal-kapital azzjonarju ordinarju tal-grupp li jissodisfa bis-sħiħ il-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 jew tal-Grad 2. Kwalunkwe kapital azzjonarju ordinarju li ma jissodisfax għalkollox il-kriterji għandu jiġi trattat bħala kapital azzjonarju privileġġat u jiġi klassifikat skont dan irrispettivament mid-deskrizzjoni jew dežinjazzjoni tiegħu. |
| R0010/C0020 | Kapital azzjonarju ordinarju (gross bl-ishma proprji) — Grad 1 bla restrizzjoni | Dan huwa l-ammont ta' kapital azzjonarju ordinarju mħallas li jissodisfa l-kriterji ta' Grad 1 bla restrizzjoni. |
| R0010/C0040 | Kapital azzjonarju ordinarju (gross bl-ishma proprji) — Grad 2 | Dan huwa l-ammont ta' kapital azzjonarju ordinarju prelevat li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 2. |
| R0020/C0010 | Kapital azzjonarju ordinarju mhux disponibbli, eżerċitat iżda mhux imħallas fil-livell tal-grupp — total | Dan huwa l-ammont totali ta' kapital azzjonarju ordinarju eżerċitat iżda mhux imħallas li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad- Direttiva 2009/138/KE. |
| R0020/C0020 | Kapital azzjonarju ordinarju eżerċitat iżda mhux imħallas mhux disponibbli fil-livell tal-grupp — Grad 1 bla restrizzjoni | Dan huwa l-ammont totali ta' kapital azzjonarju ordinarju eżerċitat iżda mhux imħallas li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad- Direttiva 2009/138/KE li jilħaq il-kriterji tal-Grad 1 bla restrizzjoni. |
| R0020/C0040 | Mhux disponibbli eżerċitat iżda mhux imħallas f'kapital azzjonarju ordinarju fil-livell tal-grupp — Grad 2 | Dan huwa l-ammont ta' kapital azzjonarju ordinarju eżerċitat iżda mhux imħallas li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad- Direttiva 2009/138/KE li jilħaq il-kriterji tal-Grad 2. |
| R0030/C0010 | Kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' kapital azzjonarju ordinarju — Total | It-total tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat mal-kapital azzjonarju ordinarju li jissodisfa bis-sħiħ il-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 jew il-Grad 2. |
| R0030/C0020 | Kont tal-primjum tal-ishma relatat mal-kapital azzjonarju ordinarju — Grad 1 bla restrizzjoni | Dan huwa l-ammont tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' ishma ordinarji li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 1 bla restrizzjoni peress li jirrelata ma' kapital azzjonarju ordinarju trattat bħala Grad 1 bla restrizzjoni. |
| R0030/C0040 | Kont tal-primjum tal-ishma relatat mal-kapital azzjonarju ordinarju — Grad 2 | Dan huwa l-ammont tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' ishma ordinarji li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 2 peress li jirrelata ma' kapital azzjonarju ordinarju trattat bħala Grad 2. |
| R0040/C0010 | Fondi inizjali, il-kontribuzzjonijiet tal-membri jew l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ekwivalenti għal impriżi mutwi u tat-tip mutwu — Total | Il-fondi inizjali, il-kontribuzzjonijiet tal-membri jew l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ekwivalenti għal impriżi mutwi u tat-tip mutwu li jissodisfaw bis-sħiħ il-kriterji għal entrati tal-Grad 1 jew il-Grad 2. |
| R0040/C0020 | Fondi inizjali, il-kontribuzzjonijiet tal-membri jew l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ekwivalenti għal impriżi mutwi u tat-tip mutwu — Grad 1 bla restrizzjoni | Dan huwa l-ammont tal-fondi inizjali, il-kontribuzzjonijiet tal-membri jew l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ekwivalenti għal impriżi mutwi u tat-tip mutwu li jissodisfa il-kriterji tal-Grad 1 bla restrizzjoni. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| R0040/C0040 | Fondi inizjali, il-kontribuzzjonijiet tal-membri jew l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ekwivalenti għal impriżi mutwi u tat-tip mutwu — Grad 2 | Dan huwa l-ammont tal-fondi inizjali, il-kontribuzzjonijiet tal-membri jew l-entrata ta' fondi proprji bażiċi ekwivalenti għal impriżi mutwi u tat-tip mutwu li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 2. |
| R0050/C0010 | Kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri — Total | Dan huwa t-total tal-ammont tal-kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri li jissodisfaw bis-sħiħ il-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 ristrett, il-Grad 2 jew il-Grad 3. |
| R0050/C0030 | Kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri — Grad 1 ristrett | Dan huwa l-ammont tal-kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 1 ristrett. |
| R0050/C0040 | Kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri — Grad 2 | Dan huwa l-ammont tal-kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 2. |
| R0050/C0050 | Kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri — Grad 3 | Dan huwa l-ammont tal-kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 3. |
| R0060/C0010 | Kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri mhux disponibbli fil-livell tal-grupp — total | Dan huwa l-ammont totali ta' kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad- Direttiva 2009/138/KE. |
| R0060/C0030 | Kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri mhux disponibbli fil-livell tal-grupp — grad 1 ristrett | Dan huwa l-ammont ta' kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad- Direttiva 2009/138/KE li jissodisfa l-kriterji għall-Grad 1 ristrett. |
| R0060/C0040 | Kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri mhux disponibbli fil-livell tal-grupp — grad 2 | Dan huwa l-ammont ta' kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad- Direttiva 2009/138/KE li jissodisfa l-kriterji għall-Grad 2 |
| R0060/C0050 | Kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri mhux disponibbli fil-livell tal-grupp — grad 3 | Dan huwa l-ammont ta' kontijiet mutwalisti subordinati tal-membri li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad- Direttiva 2009/138/KE li jissodisfa l-kriterji għall-Grad 3 |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| R0070/C0010 | Fondi surplus — Total | Dan huwa l-ammont totali ta' fondi surplus li jaqgħu taħt l-Artikolu 91(2) tad-Direttiva 2009/138/KE. |
| R0070/C0020 | Fondi surplus — Grad 1 bla restrizzjonijiet | Dawn huma l-fondi surplus li jaqgħu taħt l-Artikolu 91(2) tad-Direttiva 2009/138/KE u li jilħqu l-kriterji tal-Grad 1, entrati bla restrizzjoni. |
| R0080/C0010 | Fondi surplus li mhumiex disponibbli f'livell ta' grupp) -Total | Dan huwa l-ammont totali ta' fondi surplus li huma meqjusin mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad- Direttiva 2009/138/KE. |
| R0080/C0020 | Fondi surplus li mhumiex disponibbli f'livell ta' grupp) — grad 1 bla restrizzjoni | Dan huwa l-ammont ta' fondi surplus li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad- Direttiva 2009/138/KE li jissodisfa l-kriterji għall-Grad 2, entrati bla restrizzjoni. |
| R0090/C0010 | Ishma privileġġati — Total | Dan huwa t-total tal-ammont tal-ishma privileġġati maħruġa li jissodisfaw bis-sħiħ il-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 ristrett, il-Grad 2 jew il-Grad 3. |
| R0090/C0030 | Ishma privileġġati — Grad 1 ristrett | Dan huwa l-ammont tal-ishma privileġġati maħruġa li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 1 ristrett. |
| R0090/C0040 | Ishma privileġġati — Grad 2 | Dan huwa l-ammont tal-ishma privileġġati maħruġa li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 2. |
| R0090/C0050 | Ishma privileġġati — Grad 3 | Dan huwa l-ammont tal-ishma privileġġati maħruġa li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 3. |
| R0100/C0010 | Ishma privileġġati mhux disponibbli f'livell ta' grupp — Total | Dan huwa l-ammont totali ta' ishma privileġġati li huma meqjusin mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE. |
| R0100/C0030 | Ishma privileġġati mhux disponibbli f'livell ta' grupp — Grad 1 ristrett | Dan huwa l-ammont ta' ishma privileġġati li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad- Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji għall-Grad 2, entrati bla restrizzjoni. |
| R0100/C0040 | Ishma privileġġati mhux disponibbli f'livell ta' grupp — Grad 2 | Dan huwa l-ammont ta' ishma privileġġati li huwa meqjusin mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji għall-Grad 2. |
| R0100/C0050 | Ishma privileġġati mhux disponibbli f'livell ta' grupp — Grad 3 | Dan huwa l-ammont ta' ishma privileġġati li huwa meqjusin mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji għall-Grad 3. |
| R0110/C0010 | Kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' ishma privileġġati — Total | It-total tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat mal-kapital ta' ishma privileġġati li jissodisfa bis-sħiħ il-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 ristrett, il-Grad 2 jew il-Grad 3. |
| R0110/C0030 | Kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' ishma privileġġati — Grad 1 ristrett | Dan huwa l-ammont tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat mal-ishma privileġġati li jissodisfa l-kriterji tal-entrati tal-Grad 1 ristrett peress li jirrelata ma' ishma privileġġati trattati bħala entrati tal-Grad 1 ristrett. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| R0110/C0040 | Kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' ishma privileġġati — Grad 2 | Dan huwa l-ammont tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat mal-ishma privileġġati li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 2 peress li jirrelata ma' ishma privileġġati trattati bħala Grad 2. |
| R0110/C0050 | Kont tal-primjum tal-ishma relatat ma' ishma privileġġati — Grad 3 | Dan huwa l-ammont tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat mal-ishma privileġġati li jissodisfa l-kriterji tal-Grad 3 peress li jirrelata ma' ishma privileġġati trattati bħala Grad 3. |
| R0120/C0010 | Kont tal-primjum tal-ishma mhux disponibbli relatat ma' ishma privileġġati — Total | Dan huwa l-ammont totali tal-kont tal-primjum tal-ishma relatat mal-ishma privileġġati li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE. |
| R0120/C0030 | Kont tal-primjum tal-ishma mhux disponibbli relatat ma' ishma privileġġati — grad 1 ristrett | Dan huwa l-ammont tal-kont tal-primjum tal-ishma marbut mal-ishma privileġġjati li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad- Direttiva 2009/138/KE u li jissodisfa l-kriterji għall-Grad 2, entrati bla restrizzjoni. |
| R0120/C0040 | Kont tal-primjum tal-ishma mhux disponibbli relatat ma' ishma privileġġati — grad 2 | Dan huwa l-ammont tal-kont tal-primjum tal-ishma marbut mal-ishma privileġġjati li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad- Direttiva 2009/138/KE li jissodisfa l-kriterji għall-Grad 2. |
| R0120/C0050 | Kont tal-primjum tal-ishma mhux disponibbli relatat ma' ishma privileġġati — grad 3 | Dan huwa l-ammont tal-kont tal-primjum tal-ishma marbut mal-ishma privileġġjati li huwa meqjus mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad- Direttiva 2009/138/KE li jissodisfa l-kriterji għall-Grad 3. |
| R0130/C0010 | Riżerva ta' rikonċiljazzjoni — Total | Ir-riżerva ta' rikonċiljazzjoni totali tirrappreżenta riżervi (pereż. qligħ imfaddal), netti mill-aġġustamenti (pereż. fondi delimitati). Dan jirriżulta l-aktar minn differenzi bejn il-valwazzjoni tal-kontabbiltà u l-valwazzjoni skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE. |
| R0130/C0020 | Riserva ta' rikonċiljazzjoni — Grad 1 bla restrizzjonijiet | Ir-riżerva ta' rikonċiljazzjoni tirrappreżenta riżervi (pereż. qligħ imfaddal), netti mill-aġġustamenti (pereż. fondi delimitati). Dan jirriżulta l-aktar minn differenzi bejn il-valwazzjoni tal-kontabbiltà u l-valwazzjoni skont id-Direttiva 2009/138/KE. |
| R0140/C0010 | Obbligazzjonijiet subordinati — Total | Dan huwa l-ammont totali tal-obbligazzjonijiet subordinati. |
| R0140/C0030 | Obbligazzjonijiet subordinati — Grad 1 restrett | Dan huwa l-ammont tal-obbligazzjonijiet subordinati li jissodisfaw il-kriterji tal-entrati ristretti tal-Grad 1. |
| R0140/C0040 | Obbligazzjonijiet subordinati — Grad 2 | Dan huwa l-ammont tal-obbligazzjonijiet subordinati li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 2. |
| R0140/C0050 | Obbligazzjonijiet subordinati — Grad 3 | Dan huwa l-ammont tal-obbligazzjonijiet subordinati li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 3. |
| R0150/C0010 | Obbligazzjonijiet subordinati li mhumiex disponibbli f'livell ta' grupp — Total | Dan huwa l-ammont totali ta' obbligazzjonijiet subordinati li huma meqjusin mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad- Direttiva 2009/138/KE. |
| R0150/C0030 | Obbligazzjonijiet subordinati mhux disponibbli f'livell ta' grupp — Grad 1 ristrett | Dan huwa l-ammont ta' obbligazzjonijiet subordinati li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad- Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji għall-entrati ristretti tal-Grad 2. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| R0150/C0040 | Obbligazzjonijiet subordinati mhux disponibbli f'livell ta' grupp — Grad 2 | Dan huwa l-ammont ta' obbligazzjonijiet subordinati li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad- Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 2. |
| R0150/C0050 | Obbligazzjonijiet subordinati mhux disponibbli f'livell ta' grupp — Grad 3 | Dan huwa l-ammont ta' obbligazzjonijiet subordinati li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad- Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 3. |
| R0160/C0010 | Ammont daqs il-valur tal-assi ta' taxxa differita netti — Total | Dan huwa l-ammont totali ta' assi netti ta' taxxa differita. |
| R0160/C0050 | Ammont daqs il-valur tal-assi netti ta' taxxa differita — Grad 3 | Dan huwa l-ammont tal-assi netti ta' taxxa differita li jissodisfaw il-kriterji tal-klassifikazzjoni tal-grad 3. |
| R0170/C0010 | Ammont daqs il-valur tal-assi netti ta' taxxa differita mhux disponibbli fil-livell ta' grupp — total | Dan huwa l-ammont totali ta'assi ta' taxxa differita netti li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE. |
| R0170/C0050 | Ammont daqs il-valur tal-assi netti ta' taxxa differita mhux disponibbli fil-livell ta' grupp — Grad 3 | Dan huwa l-ammont ta' assi ta' taxxa differita netti li huma meqjusin mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji għall-Grad 3. |
| R0180/C0010 | Entrati oħra ta' fondi proprji approvati mill-awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq | Dan huwa t-total tal-entrati ta' fondi proprji bażiċi mhux identifikati hawn fuq u li għandu l-approvazzjoni superviżorja. |
| R0180/C0020 | Entrati oħra ta' fondi proprji approvati mill-awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq — grad 1 bla ristrezzjoni | Dan huwa l-ammont ta' entrati ta' fondi proprji bażiċi mhux identifikati hawn fuq li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 1 bla restrizzjoni u għandhom l-approvazzjoni superviżorja. |
| R0180/C0030 | Entrati oħra ta' fondi proprji approvati mill-awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq — Grad 1 ristrett | Dan huwa l-ammont ta' entrati ta' fondi proprji bażiċi mhux identifikati hawn fuq li jissodisfaw il-kriterja tal-entrati tal-Grad 1 ristrett, u li għandu l-approvazzjoni superviżorja. |
| R0180/C0040 | Entrati oħra ta' fondi proprji approvati mill-awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq — grad 2 | Dan huwa l-ammont ta' entrati ta' fondi proprji bażiċi mhux identifikati hawn fuq li jissodisfaw il-kriterja tal-Grad 2 u li għandu l-approvazzjoni superviżorja. |
| R0180/C0050 | Entrati oħra ta' fondi proprji approvati mill-awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq — grad 3 | Dan huwa l-ammont ta' entrati ta' fondi proprji bażiċi mhux identifikati hawn fuq li jissodisfaw il-kriterja tal-Grad 3 u li għandu l-approvazzjoni superviżorja. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| R0190/C0010 | Fondi proprji mhux disponibbli relatati ma' entrati oħra approvati mill-awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq — total | Dan huwa l-ammont totali ta' elementi ta' fondi proprji relatati ma' entrati oħrajn li ġew approvati minn awtorità ta' superviżjoni bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq li huma meqjusa mhux disponibbli, kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE. |
| R0190/C0020 | Fondi proprji mhux disponibbli relatati ma' entrati oħra approvati mill-awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq — grad 2 entrati mhux ristretti | Dan huwa l-ammont ta' elementi ta' fondi proprji relatati ma' entrati oħrajn li ġew approvati minn awtorità ta' superviżjoni bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq li huma meqjusa mhux disponibbli, kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji għal entrati mhux ristretti tal-Grad 1. |
| R0190/C0030 | Fondi proprji mhux disponibbli relatati ma' entrati oħra approvati mill-awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq — grad 2 entrati ristretti | Dan huwa l-ammont ta' elementi ta' fondi proprji relatati ma' entrati oħrajn li ġew approvati minn awtorità ta' superviżjoni bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq li huma meqjusa mhux disponibbli, kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji għal entrati ristretti tal-Grad 1. |
| R0190/C0040 | Fondi proprji mhux disponibbli relatati ma' entrati oħra approvati mill-awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq — grad 2 | Dan huwa l-ammont ta' elementi ta' fondi proprji relatati ma' entrati oħrajn li ġew approvati minn awtorità ta' superviżjoni bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq li huma meqjusa mhux disponibbli, kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 2. |
| R0190/C0050 | Fondi proprji mhux disponibbli relatati ma' entrati oħra approvati mill-awtorità superviżorja bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq — grad 3 | Dan huwa l-ammont ta' elementi ta' fondi proprji relatati ma' entrati oħrajn li ġew approvati minn awtorità ta' superviżjoni bħala fondi proprji bażiċi mhux speċifikati hawn fuq li huma meqjusa mhux disponibbli, kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji tal-Grad 3. |
| R0200/C0010 | Interessi minoritarji fil-livell tal-grupp (jekk mhux żvelati bħala parti minn entrata oħra ta' fondi proprji) — Total | Dan huwa t-total ta' interessi minoritarji fil-grupp li dwaru hemm divulgazzjoni. Din ir-ringiela għandha tiġi divulgata jekk l-interessi minoritarji ma jkunux diġà ġew inklużi f'entrati oħrajn ta' BOF (jiġifieri l-interessi minoritarji m'għandhomx jingħaddu darbtejn). |
| R0200/C0020 | Interessi minoritarji fil-livell tal-grupp (jekk mhux żvelati bħala parti minn entrata oħra ta' fondi proprji) — grad 1 mhux ristrett | L-ammont ta' interessi minoritarji fil-grupp li dwaru hemm divulgazzjoni li jissodisfaw il-kriterji għal entrati ta' Grad 1 mingħajr restrizzjonijiet. |
| R0200/C0030 | Interessi minoritarji fil-livell tal-grupp (jekk mhux żvelati bħala parti minn entrata oħra ta' fondi proprji) — grad 1 ristrett | L-ammont ta' interessi minoritarji fil-grupp li dwaru hemm divulgazzjoni li jissodisfaw il-kriterji għal entrati ta' Grad 1 ristretti. |
| R0200/C0040 | Interessi minoritarji fil-livell tal-grupp (jekk mhux żvelati bħala parti minn entrata oħra ta' fondi proprji) — grad 2 | L-ammont ta' interessi minoritarji fil-grupp li dwaru hemm divulgazzjoni li jissodisfaw il-kriterji għall-Grad 2. |
| R0200/C0050 | Interessi minoritarji fil-livell tal-grupp (jekk mhux żvelati bħala parti minn entrata oħra ta' fondi proprji) — grad 3 | L-ammont ta' interessi minoritarji fil-grupp li dwaru hemm divulgazzjoni li jissodisfaw il-kriterji għall-Grad 3. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| R0210/C0010 | Interessi minoritarji mhux disponibbli fil-livell ta' grupp — total | Dan huwa l-ammont totali ta' interessi minoritarji li huma meqjusin mhux disponibbli kif definit fl-Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE. |
| R0210/C0020 | Interessi minoritarji mhux disponibbli fil-livell ta' grupp — grad 1 mhux ristretti | Dan huwa l-ammont ta' interessi minoritarji li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji għall-Grad 1 mhux ristrett. |
| R0210/C0030 | Interessi minoritarji mhux disponibbli fil-livell ta' grupp — grad 1 ristretti | Dan huwa l-ammont ta' interessi minoritarji li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji għall-Grad 1 ristrett. |
| R0210/C0040 | Interessi minoritarji mhux disponibbli fil-livell ta' grupp — grad 2 | Dan huwa l-ammont ta' interessi minoritarji li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji għall-Grad 2. |
| R0210/C0050 | Interessi minoritarji mhux disponibbli fil-livell ta' grupp — grad 3 | Dan huwa l-ammont ta' interessi minoritarji li huma meqjusa mhux disponibbli kif definit fl- Artikolu 222(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/138/KE li jissodisfaw il-kriterji għall-Grad 3. |

**Fondi proprji fir-rapporti finanzjarji li ma għandhomx ikunu rappreżentati minn riżerva ta' rikonċiljazzjoni u li ma jissodisfawx il-kriterji biex jiġu klassifikati bħala fondi proprji tas-Solvibbiltà II**

| | | |
|---|---|---|
| R0220/C0010 | Fondi proprji fir-rapporti finanzjarji li ma għandhomx ikunu rappreżentati minn riżerva ta' rikonċiljazzjoni u li ma jissodisfawx il-kriterji biex jiġu klassifikati bħala fondi proprji tas-Solvibbiltà II — total | Dan huwa l-ammont totali ta' fondi proprji fir-rapporti finanzjarji li mhumiex rappreżentati minn riżerva ta' rikonċiljazzjoni u li ma jissodisfawx il-kriterji biex jiġu klassifikati bħala fondi proprji tas-Solvibbiltà II.<br>Dawn il-fondi proprji huma jew:<br>i) entrati li jidhru fil-listi tal-entrati tal-fondi proprji, iżda li ma jissodisfawx il-kriterji tal-klassifikazzjoni jew id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali; jew<br>ii) entrati maħsuba biex jaqdu r-rwol tal-fondi proprji li mhumiex fil-lista tal-entrati tal-fondi proprji u li ma għandhomx l-approvazzjoni superviżorja u li ma jidhrux fil-karta bilanċjali bħala obbligazzjonijiet.<br>Obbligazzjonijiet subordinati li ma jgħoddux bħala fondi proprji bażiċi ma għandhomx jiġu divulgati hawn, iżda fil-karta bilanċjali (formula S.02.01) bħala obligazzjonijiet subordinati li ma jgħoddux bħala fondi proprji bażiċi. |

**Tnaqqis**

| | | |
|---|---|---|
| R0230/C0010 | Tnaqqis għal parteċipazzjonijiet f'impriżi finanzjarji oħrajn, inklużi impriżi mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji — total | Dan huwa t-tnaqqis totali għal parteċipazzjonijiet f'istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investiment, istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv, kumpaniji tal-ġestjoni tal-UCITS, istituzzjonijiet għall-provvisti ta' rtirar okkupazzjonali, entitajiet finanzjarji mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji, inklużi l-parteċipazzjonjiet li jitnaqqsu skont l-Artikolu 228 (paragrafu 2) tad-Direttiva 2009/138/KE. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| | | Dawk il-parteċipazzjonijiet jitnaqqsu minn fondi proprji bażiċi u miżjuda lura bħala fondi proprji skont ir-regoli settorjali rilevanti fir-ringieli minn R 0410 sa R 0440, biex b'hekk jiġi faċilitat il-kalkolu tal-proporzjonijiet RKS bl-esklużjoni u l-inklużjoni ta' entitajiet tas-settur finanzjarju oħrajn. |
| R0230/C0020 | Tnaqqis għal parteċipazzjonijiet f'impriżi finanzjarji oħrajn, inklużi impriżi mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji — grad 1 mhux ristrett. | Dan huwa t-tnaqqis għall-parteċipazzjonijiet f'istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investiment, istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv, kumpaniji tal-ġestjoni tal-UCITS, istituzzjonijiet għall-provvisti ta' rtirar okkupazzjonali, entitajiet finanzjarji mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji, inklużi l-parteċipazzjonijiet li jitnaqqsu skont l-Artikolu 228 (paragrafu 2) tad-Direttiva 2009/138/KE (għandu jintwera separatament fir-ringiela R0240).<br>Dawk il-parteċipazzjonijiet jitnaqqsu minn fondi proprji bażiċi u miżjuda lura bħala fondi proprji skont ir-regoli settorjali rilevanti fir-ringieli minn R 0410 sa R 0440, biex b'hekk jiġi faċilitat il-kalkolu tal-proporzjonijiet RKS bl-esklużjoni u l-inklużjoni ta' entitajiet tas-settur finanzjarju oħrajn — entrati mhux ristretti tal-Grad 1. |
| R0230/C0030 | Tnaqqis għal parteċipazzjonijiet f'impriżi finanzjarji oħrajn, inklużi impriżi mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji — grad 1 mhux ristrett. | Dan huwa t-tnaqqis tal-parteċipazzjonijiet f'istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investiment, istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv, kumpaniji tal-ġestjoni tal-UCITS, istituzzjonijiet għall-provvisti ta' rtirar okkupazzjonali, entitajiet finanzjarji mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji, inklużi l-parteċipazzjonijiet li jitnaqqsu skont l-Artikolu 228 (paragrafu 2) tad-Direttiva 2009/138/KE.<br>Dawk il-parteċipazzjonijiet jitnaqqsu minn fondi proprji bażiċi u miżjuda lura bħala fondi proprji skont ir-regoli settorjali rilevanti fir-ringieli minn R 0410 sa R 0440, biex b'hekk jiġi faċilitat il-kalkolu tal-proporzjonijiet RKS bl-esklużjoni u l-inklużjoni ta' entitajiet tas-settur finanzjarju oħrajn — entrati ristretti tal-Grad 1. |
| R0230/C0040 | Tnaqqis għal parteċipazzjonijiet f'impriżi finanzjarji oħrajn, inklużi impriżi mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji — grad 2 | Dan huwa t-tnaqqis tal-parteċipazzjonijiet f'istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investiment, istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv, kumpaniji tal-ġestjoni tal-UCITS, istituzzjonijiet għall-provvisti ta' rtirar okkupazzjonali, entitajiet finanzjarji mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji, inklużi l-parteċipazzjonijiet li jitnaqqsu skont l-Artikolu 228 (paragrafu 2) tad-Direttiva 2009/138/KE.<br>Dawk il-parteċipazzjonijiet jitnaqqsu minn fondi proprji bażiċi u miżjuda lura bħala fondi proprji skont ir-regoli settorjali rilevanti fir-ringieli minn R 0410 sa R 0440, biex b'hekk jiġi faċilitat il-kalkolu tal-proporzjonijiet RKS bl-esklużjoni u l-inklużjoni ta' entitajiet tas-settur finanzjarju oħrajn — Grad 2 |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| | | — Devjazzjoni standard għar-riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT imsemmi fit-Titolu I Kapitlu V Taqsima 12 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35<br>— Devjazzjoni standard għar-riskju gross ta' primjum tas-saħħa NSLT imsemmi fit-Titolu I Kapitlu V Taqsima 12 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35<br>— Fattur ta' aġġustament għal riassigurazzjoni mhux proporzjonali<br>— Devjazzjoni standard għar-riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT imsemmi fit-Titolu I Kapitlu V Taqsima 12 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35<br>— L-ebda<br>Jekk jintuża aktar minn parametru wieħed speċifiku, irrapurtahom separati b'virgoli. |
| R0050/ ►**M1** C0090 ◄ | USP — Riskju ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja | Tidentifika liema parametri speċifiċi tal-impriża ntużaw f'kull modulu ta' riskju. Għandha tintuża tal-anqas waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:<br>— Devjazzjoni standard għal riskju ta' premium mhux tal-ħajja<br>— Devjazzjoni standard għal riskju ta' premium mhux tal-ħajja gross<br>— Fattur ta' aġġustament għal riassigurazzjoni mhux proporzjonali<br>— Devjazzjoni standard għal riskju ta' riżerva mhux tal-ħajja<br>— L-ebda |
| R0010, R0030, R0040, R0050/ ►**M1** C0120 ◄ | Simplifikazzjonijiet | Tidentifika s-submoduli tar-riskju għal kull modulu tar-riskju li għalih intuża metodu ta' kalkolu simplifikat.<br>Jekk intużaw metodi ta' kalkolu simplifikat għal iktar minn submodulu tar-riskju wieħed f'modulu tar-riskju wieħed, irrapportahom mifrudin bil-virgoli. |

**Kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza**

| | | |
|---|---|---|
| R0130/C0100 | Riskju operazzjonali | L-ammont tar-rekwiżiti kapitali għal modulu tar-riskju operazzjonali kif kalkulat bil-formula standard. |
| R0140/C0100 | Kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi | L-ammont tal-aġġustament għall-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi kalkulat skont il-formula standard. Dan l-ammont għandu jiġi divulgat bħala valur negattiv. |
| R0150/C0100 | Kapaċità ta' assorbiment tat-telf tat-taxxi differiti | L-ammont tal-aġġustament għall-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tat-taxxi differiti kalkulat skont il-formula standard.<br>Dan l-ammont għandu jiġi divulgat bħala valur negattiv. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| R0160/C0100 | Rekwiżit kapitali għal operazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/41/KE | L-ammont tar-rekwiżit kapitali, kalkulati skont ir-regoli msemmija fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/41/KE, għall-fondi delimitati relatati ma' operazzjonijiet tal-pensjoni li jsiru skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/41/KE li għalihom jiġu applikati miżuri tranżizzjonali. Din l-entrata tiġi divulgata biss matul il-perjodu tranżizzjonali. |
| R0200/C0100 | Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza bl-esklużjoni tas-supplimentazzjoni kapitali | Ammont tar-RKS totali diversifikat qabel kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali. |
| R0210/C0100 | Supplimentazzjoni kapitali diġà stabbilita | Ammont ta' supplimentazzjoni kapitali li ġie stabbilit fid-data ta' referenza tar-rapportar. Din ma tinkludix supplimentazzjonijiet kapitali stabbiliti bejn dik id-data u s-sottomissjoni tad-dejta lill-awtorità superviżjorja, u lanqas kwalunkwe sett wara s-sottomissjoni tad-dejta.<br>Waqt il-fażi tranżizzjonali, din l-entrata għandha tiġi biss divulgata jekk l-Istat Membru jkun iddeċieda li tkun mandatorja skont l-Artikolu 51(2) tad-Direttiva 2009/138/KE. Jekk dan mhux il-każ, l-ammont tas-supplimentazzjoni kapitali għandu jinqasam bejn ir-RKSn tal-moduli tar-riskju. Il-proċedura preċiża għandha tkun miftiehma minn qabel mal-awtorità superviżorja nazzjonali. |
| ▼M1 R0220/C0100 | Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza | Rekwiżit Kapitali kumplessiv inkluża s-supplimentazzjoni kapitali<br>L-ammont tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza għal impriżi taħt il-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE. Dan għandu jinkludi l-komponenti kollha tar-RKS konsolidat, inkluż ir-rekwiżiti kapitali ta' impriżi minn setturi finanzjarji oħra, ir-rekwiżit kapitali għal rekwiżiti ta' parteċipazzjoni mhux ikkontrollata u rekwiżit kapitali għal impriżi residwi. |

▼B

**Informazzjoni oħra dwar l-RKS**

| | | |
|---|---|---|
| R0400/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju tal-ekwità fuq il-bażi tad-durata | Ammont tar-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju tal-ekwità fuq il-bażi tad-durata |
| R0410/C0100 | Ammont totali ta' Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għall-parti li jibqa' | Ammont tal-RKSs nozzjonali tal-parti li jibqa' meta l-impriża jkollha RFF. |
| R0420/C0100 | Ammont totali ta' Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal fondi delimitati | L-ammont tas-somma tal-RKSs nozzjonali ta' fondi delimitati kollha meta l-impriża jkollha RFF (għajr dawk relatati ma' operazzjonijiet li jsru operat skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/41/KE (tranżizzjonali)). |
| R0430/C0100 | Ammont totali ta' Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza Nozzjonali għall-portofolli ta' aġġustament ta' korrispondenza | Ammont tas-somma tal-RKSs nozzjonali tal-portafolli tal-aġġustament ta' korrispondenza kollha. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| R0440/C0100 | Effetti tad-diversifikazzjoni minħabba aggregazzjoni tar-RKSn tal-RFF għall-Artikolu 304 | Ammont tal-aġġustament għal effett tad-diversifikazzjoni bejn fondi delimitati skont l-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE u l-parti li jibqa'.<br>Dan għandu jkun ugwali għad-differenza bejn is-somma tal-nSCR għal kull RFF/MAP/RP u l-RKS totali. |
| R0470/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp konsolidat minimu | L-ammont tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat minimu kif stipulat fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE. Din l-entrata hija applikabbli għar-rapportar ta' grupp biss. |

**Informazzjoni dwar entitajiet oħra**

▼M1

| | | |
|---|---|---|
| R0500/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħrajn (rekwiżiti ta' kapital mhux tal-assigurazzjoni) | L-ammont ta' rekwiżit ta' kapital għal setturi finanzjarji oħra.<br>Din l-entrata hija biss applikabbli għar-rappurtar tal-grupp meta l-grupp jinkludi impriża li hija soġġetta għal rekwiżiti ta' kapital mhux tal-assigurazzjoni, bħalma hu bank, u huwa r-rekwiżit ta' kapital ikkalkolat skont ir-rekwiżiti xierqa.<br>R0500 hija mistennija li tkun ugwali għas-somma ta' R0510, R0520 u R0530. |

▼B

| | | |
|---|---|---|
| R0510/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħrajn (rekwiżit ta' kapital mhux tal-assigurazzjoni) — Istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investiment u istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers tal-fondi tal-investiment alternattiv, kumpaniji tal-maniġment tal-UCITS. | L-ammont ta' rekwiżit ta' kapital għal istituzzjonijiet tal-kreditu, ditti tal-investiment u istituzzjonijiet finanzjarji.<br>Din l-entrata hija biss applikabbli għar-rapportar tal-grupp meta l-grupp ikun jinkludi impriżi li huma istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investiment u istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv, kumpaniji maniġerjali tal-UCITS u huma soġġetti għal rekwiżiti tal-kapital, ikkalkoti b'konformità mar-regoli settorjali relevanti. |
| R0520/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħra (rekwiżiti kapitali mhux tal-assigurazzjoni) — istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali | L-ammont tar-rekwiżit tal-kapital għal istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali.<br>Din l-entrata hija applikabbli biss għar-rapportar tal-gruppi fejn il-grupp jinkludi impriżi li huma istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali u soġġetti għal rekwiżiti kapitali mhux tal-assigurazzjoni kkalkolati skont ir-regoli settorjali relevanti. |
| R0530/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħrajn (rekwiżiti kapitali mhux tal-assigurazzjoni) — Rekwiżit ta' kapital għal entitajiet mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji | L-ammont ta' rekwiżit kapitali għal entitajiet mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji. Din iċ-ċifra tirrappreżenta rekwiżit kapitali tas-solvenza nozzjonali, ikkalkulat daqs li kieku r-regoli settorjali relevanti jiġu applikati.<br>Din l-entrata hija biss applikabbli għar-rapportar tal-grupp fejn il-grupp jinkludi impriżi li huma entitajiet mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| R0540/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali għal rekwiżiti ta' parteċipazzjoni mhux ikkontrollati | L-ammont tas-sehem proporzjonali tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza tal-impriżi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni u kumpanija b'parteċipazzjoni assigurattiva relatati li mhumiex sussidjarji.<br>Din l-entrata tapplika biss għar-rapportar tal-grupp u tikkorrespondi, għal dawk l-entitajiet li mhumiex sussidjarji, għar-rekwiżit kapitali kkalkulat skont is-Solvibbiltà II. |
| R0550/C0100 | Rekwiżit kapitali għal impriżi residwi | Ammont iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 336(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35. |

**RKS ġenerali**

| | | |
|---|---|---|
| R0560/C0100 | RKS għal impriżi inklużi permezz tad-D&A | L-ammont tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza għal impriżi inklużi skont il-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE meta tintuża t-taħlita tal-metodi. |

▼M1

| | | |
|---|---|---|
| R0570/C0100 | Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza | Ir-RKS kumplessiv għall-impriżi kollha irrispettivament mill-metodu użat.<br>Ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza totali huwa mistenni li jkun ugwali għas-somma ta' R0220 u R0560. |

▼B

**S.25.02. — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza — għal gruppi li jużaw il-formula standard u mudell intern parzjali**

**Kummenti ġenerali:**

Din it-taqsima hija marbuta mad-divulgazzjoni annwali għall-gruppi.

Il-komponenti li għandhom jiġu divulgati għandhom jiġu miftiehma bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni.

Għal rapportar ta' grupp ir-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin għandhom jiġu sodisfatti:

c) L-informazzjoni sa R 0460 huwa applikabbli meta l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva ta' Solvenza II huwa użat, jew esklussivament jew flimkien ma' metodu 2 kif definit fl- Artikolu 233 tad-Direttiva Solvibbiltà II;

d) Meta jintuża l-metodu mħallat, l-informazzjoni sa R0460 għandha tiġi ppreżentata biss għall-parti tal-grupp ikkalkulata bil-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvibbiltà II.

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0010 | Numru uniku tal-komponent | Numru uniku ta' kull komponent miftiehem mal-awtorità superviżorja nazzjonali biex jidentifika b'mod uniku komponenti mill-mudell tagħhom. Dan in-numru għandu jintuża dejjem flimkien ma' deskrizzjoni xierqa tal-komponent divulgat f'kull entrata. Meta l-mudell intern parzjali jippermetti li l-istess qasma skont il-modulu tar-riskju bħal dik tal-formula standard, għandhom jintużaw in-numri li ġejjin tal-komponenti: |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| | | — 1 — Riskju tas-suq<br>— 2 — Riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti<br>— 3 — Riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja<br>— 4 — Riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa<br>— 5 — Riskju ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja<br>— 6 — Riskju ta' assi intanġibbli<br>— 7 — Riskju operazzjonali<br>— 8 — Il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf (“LAC”) tal-Provvedimenti tekniċi (ammont negattiv)<br>— 9 — Taxxi differiti LAC (ammont negattiv)<br>Meta l-moduli tar-riskju tal-formula standard ma jkunux jistgħu jiġu divulgati, grupp għandu jattribwixxi numru lil kull komponent li jkun differenti minn 1 sa 7.<br>Dan in-numru għandu dejjem jintuża flimkien ma' deskrizzjoni xierqa tal-komponent divulgat f'kull entrata C0020. In-numri tal-komponenti għandhom jinżammu konsistenti tul iż-żmien. |
| C0020 | Deskrizzjoni tal-komponenti | Identifikazzjoni, bl-użu ta' test liberu, ta' kull komponent li jista' jiġi identifikat mill-grupp. Dawn il-komponenti għandhom jiġu allinjati mal-moduli tar-riskju tal-formula standard jekk ikun possibbli skont il-mudell intern parzjali. Kull komponent jiġi identifikat bl-użu ta' entrata separata. L-impriżi għandhom jidentifikaw u jirrapportaw il-komponenti b'mod konsistenti f'perjodi differenti ta' rapportar, sakemm ma jkunx hemm xi bidla fil-mudell intern li jaffettwa l-kategoriji.<br>Il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u/jew taxxi differiti mhux inkorporati fil-komponenti għandhom jiġu divulgati bħala komponenti separati. |

▼M1

| | | |
|---|---|---|
| C0030 | Kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza | Ammont ta' allokazzjoni ta' kapital għal kull komponent irrispettivament mill-metodu tal-kalkolu (jew formula standard jew mudell intern parzjali), wara l-aġġustamenti għall-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u/jew it-taxxi differiti meta jkunu inkorporati fil-kalkolu tal-komponent.<br>Għall-komponenti tal-Kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u/jew tat-taxxi differiti, meta jiġu divulgati bħala komponent separat, dan għandu jkun l-ammont ta' kapaċità tal-assorbiment tat-telf (dawn l-ammonti għandhom jiġu divulgati bħala valuri negattivi)<br>Għal komponenti kalkulati bl-użu tal-formula standard din iċ-ċellola tirrappreżenta r-RKSn gross. Għal komponenti kalkulati bl-użu tal-mudell intern parzjali, dan jirrappreżenta l-valur li jikkonsidra l-azzjonijiet tal-ġestjoni futuri li huma inkorporati fil-kalkolu, iżda mhux dawk li huma mudellati bħala komponent separat. |

▼M1

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| | | Dan l-ammont għandu jikkunsidra b'mod sħiħ l-effetti tad-diversifikazzjoni skont l-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE fejn applikabbli.<br><br>Dawn iċ-ċelloli jinkludu l-allokazzjoni tal-aġġustament minħabba l-aggregazzjoni tar-RKSn tar-RFF/MAP fil-livell tal-entità. |
| ▼B<br>C0060 | Konsiderazzjoni tal-azzjonijiet tal-ġestjoni fil-futur fir-rigward tal-provvedimenti tekniċi u/jew taxxi differiti | Biex jiġi identifikat jekk l-azzjonijiet ta' ġestjoni futuri marbuta mal-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u/jew tat-taxxi differiti humiex inkorporati fil-kalkolu, għandha tintuża din il-lista magħluqa ta' għażliet:<br><br>1 — Azzjonijiet ta' ġestjoni futuri fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi inkorporati fil-komponent<br><br>2 — Azzjonijiet ta' ġestjoni futuri fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tat-taxxi differiti inkorporati fil-komponent<br><br>3 — Azzjonijiet ta' ġestjoni futuri fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti inkorporati fil-komponent<br><br>4. — Mhix inkorporata konsiderazzjoni tal-azzjonijiet tal-ġestjoni futuri. |
| C0070 | Ammont mudellat | Għal kull komponent din iċ-ċellola tirrappreżenta l-ammont kalkulat skont il-mudell intern parzjali. Għalhekk, l-ammont kalkulat bil-Formula Standard għandu jkun id-differenza bejn l-ammonti divulgati f'C0040 u C0060. |
| ►M1 C0090 ◄ | USP | Għal dawk il-komponenti kalkulati skont il-formula standard fejn ikunu ġew applikati parametri speċifiċi tal-impriża, għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin:<br>Għar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja<br>— Żieda fl-ammont ta' benefiċċji ta' annwalità<br>— L-ebda<br>Għar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa:<br>— Żieda fl-ammont ta' benefiċċji ta' annwalità<br>— Devjazzjoni standard għal riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT<br>— Devjazzjoni standard għal riskju ta' primjum tas-saħħa NSLT gross<br>— Fattur ta' aġġustament għal riassigurazzjoni mhux proporzjonali<br>— Devjazzjoni standard għal riskju ta' riżerva tas-saħħa NSLT<br>— L-ebda<br>Għal riskju ta' sottoskrizzjoni mhux tas-saħħa: |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| | | — Devjazzjoni standard għal riskju ta' premium mhux tal-ħajja<br>— Devjazzjoni standard għal riskju ta' premium mhux tal-ħajja gross<br>— Fattur ta' aġġustament għal riassigurazzjoni mhux proporzjonali<br>— Devjazzjoni standard għal riskju ta' riżerva mhux tal-ħajja<br>— L-ebda<br>Jekk fi kwalunkwe każ jintuża aktar minn parametru wieħed speċifiku, irrapurtahom separati b'virgoli. |
| ►M1 C0120 ◄ | Simplifikazzjonijiet | Għal dawk il-komponenti kalkulati skont il-formola standard fejn ikunu ġew applikati simplifikazzjonijiet, is-submoduli tar-riskju ta' kull modulu tar-riskju li għalihom ikun ġie applikat metodu ta' kalkolu simplifikat għandhom jiġu identifikati.<br>Jekk intużaw metodi ta' kalkolu simplifikat għal iktar minn submodulu tar-riskju wieħed f'modulu tar-riskju wieħed, irrapportahom mifrudin bil-virgoli. |
| R0110/C0100 | Total ta' komponenti mhux diversifikati | Somma tal-komponenti kollha. |
| R0060/C0100 | Diversifikazzjoni | L-ammont totali ta' diversifikazzjoni fost il-komponenti divulgati f'C0030.<br>Dan l-ammont ma jinkludix l-effetti tad-diversifikazzjoni f'kull komponent, li għandu jiġi inkorporat fil-valuri divulgati f'C0030.<br>Dan l-ammont għandu jiġi divulgat bħala valur negattiv. |
| R0160/C0100 | Rekwiżit kapitali għal operazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/41/KE | L-ammont tar-rekwiżit kapitali, kalkulati skont ir-regoli msemmija fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/41/KE, għall-fondi delimitati relatati ma' operazzjonijiet tal-pensjoni li jsiru skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/41/KE li għalihom jiġu applikati miżuri tranżizzjonali. Din l-entrata tiġi divulgata biss matul il-perjodu tranżizzjonali. |
| R0200/C0100 | Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza bl-esklużjoni tas-supplimentazzjonijiet kapitali | Ammont tar-RKS totali diversifikat qabel kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali. |
| R0210/C0100 | Supplimentazzjonijiet kapitali diġà stabbiliti | Ammont ta' supplimentazzjonijiet kapitali li kienu ġew stabbiliti fid-data ta' referenza tar-rapportar. Din ma tinkludix supplimentazzjonijiet kapitali stabbiliti bejn dik id-data u s-sottomissjoni tad-dejta lill-awtorità superviżjorja, u lanqas kwalunkwe sett wara s-sottomissjoni tad-dejta.<br>Waqt il-fażi tranżizzjonali, din l-entrata għandha tiġi biss divulgata jekk l-Istat Membru jkun iddeċieda li tkun mandatorja skont l-Artikolu 51(2) tad-Direttiva 2009/138/KE. Jekk dan mhux il-każ, l-ammont tas-supplimentazzjoni kapitali għandu jinqasam bejn ir-RKSn tal-moduli tar-riskju. Il-proċedura preċiża għandha tkun miftiehma minn qabel mal-Awtorità Superviżorja Nazzjonali. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| ▼M1 | | |
| R0220/C0100 | Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza | Ir-rekwiżit kapitali kumplessiv inkluż is-supplimentazzjoni kapitali għal impriżi taħt il-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE. Dan għandu jinkludi l-komponenti kollha tar-RKS konsolidat, inkluż ir-rekwiżiti kapitali ta' impriżi minn setturi finanzjarji oħra, ir-rekwiżit kapitali għal rekwiżiti ta' parteċipazzjoni mhux ikkontrollata u rekwiżit kapitali għal impriżi residwi. |

▼B

**Informazzjoni oħra dwar l-RKS**

| | | |
|---|---|---|
| R0300/C0100 | Ammont/stima tal-kapaċità kumplessiva ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi | Ammont/stima tal-kapaċità kumplessiva ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi, inkluża l-parti inkorporata fil-komponenti u l-parti divulgata bħala komponent singolu. Dan l-ammont jiġi divulgat bħala valur negattiv. |
| R0310/C0100 | Ammont/stima tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tat-taxxi differiti | Ammont/stima tal-kapaċità kumplessiva ta' assorbiment tat-telf tat-taxxi differiti, inkluża l-parti inkorporata fil-komponenti u l-parti divulgata bħala komponent singolu. Dan l-ammont jiġi divulgat bħala valur negattiv. |
| R0400/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju tal-ekwità fuq il-bażi tad-durata | Ammont tar-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju tal-ekwità fuq il-bażi tad-durata |
| R0410/C0100 | Ammont totali ta' Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għall-parti li jibqa' | Ammont tar-RKS nozzjonali tal-parti li jibqa' meta l-grupp ikollu RFF. |
| R0420/C0100 | Ammont totali ta' Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għall-fondi delimitati | Ammont tas-somma tar-RKS nozzjonali tal-fondi delimitati kollha meta l-grupp ikollu RFF (għajr dawk relatati ma' operazzjonijiet li li jaħdmu skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/41/KE (tranżizzjonali)). |
| R0430/C0100 | Ammont totali ta' Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza Nozzjonali għall-portofolli ta' aġġustament ta' korrispondenza | L-ammont tas-somma tal-RKSs nozzjonali tal-portafolli tal-aġġustament ta' korrispondenza kollha<br>Din l-entrata ma għandhiex għalfejn tiġi divulgata meta jiġi rapportat il-kalkolu tal-RKS fil-livell tal-RFF jew tal-portafoll ta' korrispondenza. |
| R0440/C0100 | Effetti tad-diversifikazzjoni minħabba aggregazzjoni tar-RKSn tal-RFF għall-Artikolu 304 | L-ammont tal-aġġustament għal effett ta' diversifikazzjoni bejn fondi delimitati skont l-Artikolu 304 tad-Direttiva Solvibbiltà II u l-parti li jibqa'.<br>Dan għandu jkun ugwali għad-differenza bejn is-somma tar-RKSn għal kull RFF/MAP/RP u r-RKS totali divulgat f'R0200/C0100. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| R0470/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp konsolidat minimu | L-ammont tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat minimu kif stipulat fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE. Din l-entrata hija applikabbli għar-rapportar ta' grupp biss. |
| ▼M1 R0500/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħrajn (rekwiżiti ta' kapital mhux tal-assigurazzjoni) | L-ammont ta' rekwiżit ta' kapital għal setturi finanzjarji oħra.<br>Din l-entrata hija biss applikabbli għar-rappurtar tal-grupp meta l-grupp jinkludi impriża li hija soġġetta għal rekwiżiti ta' kapital mhux tal-assigurazzjoni, bħalma hu bank, u huwa r-rekwiżit ta' kapital ikkalkolat skont ir-rekwiżiti xierqa.<br>R0500 hija mistennija li tkun ugwali għas-somma ta' R0510, R0520 u R0530. |
| ▼B R0510/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħrajn (rekwiżit ta' kapital mhux tal-assigurazzjoni) — Istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investiment u istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers tal-fondi tal-investiment alternattiv, kumpaniji tal-maniġment tal-UCITS. | L-ammont ta' rekwiżit ta' kapital għal istituzzjonijiet tal-kreditu, ditti tal-investiment u istituzzjonijiet finanzjarji.<br>Din l-entrata hija biss applikabbli għar-rapportar tal-grupp meta l-grupp ikun jinkludi impriżi li huma istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investiment u istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv, kumpaniji maniġerjali tal-UCITS u huma soġġetti għal rekwiżiti tal-kapital, ikkalkoti b'konformità mar-regoli settorjali relevanti. |
| R0520/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħra (rekwiżiti kapitali mhux tal-assigurazzjoni) — istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali | L-ammont tar-rekwiżit tal-kapital għal istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali.<br>Din l-entrata hija applikabbli biss għar-rapportar tal-gruppi fejn il-grupp jinkludi impriżi li huma istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali u soġġetti għal rekwiżiti kapitali mhux tal-assigurazzjoni kkalkolati skont ir-regoli settorjali relevanti. |
| R0530/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħrajn (rekwiżiti kapitali mhux tal-assigurazzjoni) — Rekwiżit ta' kapital għal entitajiet mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji | L-ammont ta' rekwiżit kapitali għal entitajiet mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji. Din iċ-ċifra tirrappreżenta rekwiżit kapitali tas-solvenza nozzjonali, ikkalkulat daqs li kieku r-regoli settorjali relevanti jiġu applikati.<br>Din l-entrata hija biss applikabbli għar-rapportar tal-grupp fejn il-grupp jinkludi impriżi li huma entitajiet mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji. |
| R0540/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali għal rekwiżiti ta' parteċipazzjoni mhux ikkontrollati | L-ammont tas-sehem proporzjonali tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza tal-impriżi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni u kumpanija b'parteċipazzjoni assigurattiva relatati li mhumiex sussidjarji.<br>Din l-entrata tapplika biss għar-rapportar tal-grupp u tikkorrespondi, għal dawk l-entitajiet li mhumiex sussidjarji, għar-rekwiżit kapitali kkalkulat skont is-Solvibbiltà II. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| R0550/C0100 | Rekwiżit kapitali għal impriżi residwi | Ammont iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 336(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35. |
| R0560/C0100 | RKS għal impriżi inklużi permezz tad-D&A | L-ammont tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza għal impriżi inklużi skont il-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE meta tintuża t-taħlita tal-metodi. |

▼M1

| | | |
|---|---|---|
| R0570/C0100 | Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza | Ir-RKS kumplessiv għall-impriżi kollha irrispettivament mill-metodu użat.<br>Ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza totali huwa mistenni li jkun ugwali għas-somma ta' R0220 u R0560. |

▼B

**S.25.03. — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza — għal gruppi li jużaw mudell intern sħiħ**

**Kummenti ġenerali:**

Din it-taqsima hija marbuta mad-divulgazzjoni annwali għall-gruppi.

Il-komponenti li għandhom jiġu divulgati għandhom jiġu miftiehma bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni.

Għal rapportar ta' grupp ir-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin għandhom jiġu sodisfatti:

e) L-informazzjoni sa R 0460 huwa applikabbli meta l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva ta' Solvenza II huwa użat, jew esklussivament jew flimkien ma' metodu 2 kif definit fl- Artikolu 233 tad-Direttiva Solvibbiltà II;

f) Meta jintuża l-metodu mħallat, l-informazzjoni sa R0460 għandha tiġi ppreżentata biss għall-parti tal-grupp ikkalkulata bil-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva Solvibbiltà II.

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0010 | Numru uniku tal-komponent | Numru uniku ta' kull komponent tal-mudell intern sħiħ, miftiehem mal-awtorità superviżorja nazzjonali biex jidentifika b'mod uniku komponenti mill-mudell tagħhom. Dan in-numru għandu jintuża dejjem flimkien ma' deskrizzjoni xierqa tal-komponent divulgat f'kull entrata C0020.<br>In-numri tal-komponenti għandhom jinżammu konsistenti tul iż-żmien. |
| C0020 | Deskrizzjoni tal-komponenti | Identifikazzjoni, bl-użu ta' test liberu, ta' kull komponent li jista' jiġi identifikat mill-grupp fil-mudell intern sħiħ. Dawn il-komponenti jistgħu ma jallinjawx preċiżament mar-riskji definiti għall-formula standard. Kull komponent jiġi identifikat bl-użu ta' entrata separata. Il-gruppi għandhom jidentifikaw u jirrapportaw il-komponenti b'mod konsistenti f'perjodi differenti ta' rapportar, sakemm ma jkunx hemm xi bidla fil-mudell intern li taffettwa l-kategoriji. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| | | Il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u/jew taxxi differiti mudellati iżda mhux fil-komponenti għandhom jiġu rapportati bħala komponenti separati. |
| C0030 | Kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza | L-ammont tal-imposta kapitali netta għal kull komponent, wara l-aġġustamenti għal azzjonijiet ta' ġestjoni futuri li jirrigwardaw il-provvedimenti tekniċi u/jew taxxi differiti meta applikabbli, kalkulati permezz tal-mudell intern sħiħ fuq bażi mhux diversifikata, sal-punt li dawn l-aġġustamenti huma mudellati fil-komponenti.<br>Il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u/jew taxxi differiti mudellati iżda mhux fil-komponenti għandha tiġi divulgata bħala valuri negattivi. |
| R0110/C0100 | Total ta' komponenti mhux diversifikati | Somma tal-komponenti kollha. |
| R0060/C0100 | Diversifikazzjoni | L-ammont totali tad-diversifikazzjoni fost il-komponenti divulgati f'C0030 kalkulat bl-użu tal-mudell intern sħiħ.<br>Dan l-ammont ma jinkludix l-effetti tad-diversifikazzjoni f'kull komponent, li għandu jiġi inkorporat fil-valuri divulgati f'C0030.<br>Dan l-ammont għandu jiġi divulgat bħala valur negattiv. |
| R0160/C0100 | Rekwiżit kapitali għal operazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/41/KE | L-ammont tar-rekwiżit kapitali, kalkulati skont ir-regoli msemmija fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/41/KE, għall-fondi delimitati relatati ma' operazzjonijiet tal-pensjoni li jsiru skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/41/KE li għalihom jiġu applikati miżuri tranżizzjonali. Din l-entrata tiġi divulgata biss matul il-perjodu tranżizzjonali. |
| R0200/C0100 | Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza bl-esklużjoni tas-supplimentazzjonijiet kapitali | Ammont tar-RKS totali diversifikat qabel kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali. |
| R0210/C0100 | Supplimentazzjonijiet kapitali diġà stabbiliti | Ammont ta' supplimentazzjoni kapitali li ġie stabbilit fid-data ta' referenza tar-rapportar. Din ma tinkludix supplimentazzjonijiet kapitali stabbiliti bejn dik id-data u s-sottomissjoni tad-dejta lill-awtorità superviżjorja, u lanqas kwalunkwe sett wara s-sottomissjoni tad-dejta.<br>Waqt il-fażi tranżizzjonali, din l-entrata għandha tiġi biss divulgata jekk l-Istat Membru jkun iddeċieda li tkun mandatorja skont l-Artikolu 51(2) tad-Direttiva 2009/138/KE. Jekk dan mhux il-każ, l-ammont tas-supplimentazzjoni kapitali għandu jinqasam bejn ir-RKSn tal-moduli tar-riskju. Il-proċedura preċiża għandha tkun miftiehma minn qabel mal-Awtorità Superviżorja Nazzjonali. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| R0220/C0100 | Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza | L-ammont totali ta' RKS kalkulat bl-użu ta' mudell intern sħiħ. |

**Informazzjoni oħra dwar l-RKS**

| | | |
|---|---|---|
| R0300/C0100 | Ammont/stima tal-kapaċità kumplessiva ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi | Ammont/stima tal-kapaċità kumplessiva ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi, inkluża l-parti inkorporata f'kull komponenti u l-parti divulgata bħala komponent singolu. |
| R0310/C0100 | Ammont/stima tal-kapaċità kumplessiva ta' assorbiment tat-telf tat-taxxi differiti | Ammont/stima tal-kapaċità kumplessiva ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi, inkluża l-parti inkorporata f'kull komponenti u l-parti divulgata bħala komponent singolu. |
| R0410/C0100 | Ammont totali ta' Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għall-parti li jibqa' | Ammont tar-RKS nozzjonali tal-parti li jibqa' meta l-grupp ikollu RFF. |
| R0420/C0100 | Ammont totali ta' Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għall-fondi delimitati | Ammont tas-somma tar-RKS nozzjonali tal-fondi delimitati kollha meta l-grupp ikollu RFF (għajr dawk relatati ma' operazzjonijiet li li jaħdmu skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/41/KE (tranżizzjonali)). |
| R0430/C0100 | Ammont totali ta' Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza Nozzjonali għall-portofolli ta' aġġustament ta' korrispondenza | Ammont tas-somma tal-RKSs nozzjonali tal-portafolli tal-aġġustament ta' korrispondenza kollha. |
| R0440/C0100 | Effetti tad-diversifikazzjoni minħabba aggregazzjoni tar-RKSn tal-RFF għall-Artikolu 304 | L-ammont tal-aġġustament għal effett ta' diversifikazzjoni bejn fondi delimitati skont l-Artikolu 304 tad-Direttiva Solvibbiltà II u l-parti li jibqa'.<br>Dan għandu jkun ugwali għad-differenza bejn is-somma tal-nSCR għal kull RFF/MAP/RP u l-RKS totali. |
| R0470/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp konsolidat minimu | L-ammont tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tal-grupp konsolidat minimu kif stipulat fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE. Din l-entrata hija applikabbli għar-rapportar ta' grupp biss. |
| R0500/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħrajn (rekwiżiti ta' kapital mhux tal-assigurazzjoni) | L-ammont ta' rekwiżit ta' kapital għal setturi finanzjarji oħra.<br>Din l-entrata hija biss applikabbli għar-rapportar tal-grupp meta l-grupp jinkludi impriża li hija soġġetta għal rekwiżiti ta' kapital mhux tal-assigurazzjoni, bħalma hu bank, u huwa r-rekwiżit ta' kapital ikkalkolat skont ir-rekwiżiti xierqa. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| R0510/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħrajn (rekwiżit ta' kapital mhux tal-assigurazzjoni) — Istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investiment u istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers tal-fondi tal-investiment alternattiv, kumpaniji tal-maniġment tal-UCITS. | L-ammont ta' rekwiżit ta' kapital għal istituzzjonijiet tal-kreditu, ditti tal-investiment u istituzzjonijiet finanzjarji.<br>Din l-entrata hija biss applikabbli għar-rapportar tal-grupp meta l-grupp ikun jinkludi impriżi li huma istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investiment u istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv, kumpaniji maniġerjali tal-UCITS u huma soġġetti għal rekwiżiti tal-kapital, ikkalkoti b'konformità mar-regoli settorjali relevanti. |
| R0520/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħra (rekwiżiti kapitali mhux tal-assigurazzjoni) — istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali | L-ammont tar-rekwiżit tal-kapital għal istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali.<br>Din l-entrata hija applikabbli biss għar-rapportar tal-gruppi fejn il-grupp jinkludi impriżi li huma istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali u soġġetti għal rekwiżiti kapitali mhux tal-assigurazzjoni kkalkolati skont ir-regoli settorjali relevanti. |
| R0530/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħrajn (rekwiżiti kapitali mhux tal-assigurazzjoni) — Rekwiżit ta' kapital għal entitajiet mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji | L-ammont ta' rekwiżit kapitali għal entitajiet mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji. Din iċ-ċifra tirrappreżenta rekwiżit kapitali tas-solvenza nozzjonali, ikkalkulat daqs li kieku r-regoli settorjali relevanti jiġu applikati.<br>Din l-entrata hija biss applikabbli għar-rapportar tal-grupp fejn il-grupp jinkludi impriżi li huma entitajiet mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji. |
| R0540/C0100 | Ir-rekwiżit kapitali għal rekwiżiti ta' parteċipazzjoni mhux ikkontrollati | L-ammont tas-sehem proporzjonali tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza tal-impriżi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni u kumpanija b'parteċipazzjoni assigurattiva relatati li mhumiex sussidjarji.<br>Din l-entrata tapplika biss għar-rapportar tal-grupp u tikkorrespondi, għal dawk l-entitajiet li mhumiex sussidjarji, għar-rekwiżit kapitali kkalkulat skont is-Solvibbiltà II. |
| R0550/C0100 | Rekwiżit kapitali għal impriżi residwi | Ammont iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 336(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35. |

**S. 32.01 — Impriżi fl-ambitu tal-grupp**

**Kummenti ġenerali:**

Din it-taqsima hija marbuta mad-divulgazzjoni annwali għall-gruppi.

Dan il-mudell huwa rilevanti skont il-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE, il-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE u taħlita ta' metodi. Din hija lista tal-impriżi kollha fl-ambitu tal-grupp skont it-tifsira tal-Artikolu 212(1)(c) tad-Direttiva 2009/138/KE, inklużi l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta jew kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni b'attività mħallta.

— Iċ-ċelloli C0010 sa C0080 huma relatati mal-identifikazzjoni tal-impriża;

— Iċ-ċelloli C0180 sa C0230 huma relatati mal-kriterji ta' influwenza;

— Iċ-ċelloli C0240 u C0250 huma relatati mal-inklużjoni fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp;

— Iċ-ċellola C0260 hija relatata mal-kalkolu tas-solvenza tal-grupp.

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0010 | Pajjiż | Identifika l-kodiċi ISO ISO 3166–1 alpha–2 tal-pajjiż li fih jinsab l-uffiċċju prinċipali rreġistrat ta' kull impriża fl-ambitu tal-grupp, skont it-tifsira tal-Artikolu 212(1)(c) tad-Direttiva 2009/138/KE. |
| C0020 | Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża | Kodiċi ta' identifikazzjoni skont dan l-ordni ta' prijorità, jekk jeżisti:<br>— Identifikatur ta' Entità Ġuridka (Legal Entity Identifier — "LEI");<br>— Kodiċi speċifiku<br>Kodiċi speċifiku:<br>— Għal impriżi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni fiż-ŻEE u impriżi regolati oħrajn fiż-ŻEE fl-ambitu tal-grupp, skont it-tifsira tal-Artikolu 212(1)(c) tad-Direttiva 2009/138/KE: il-kodiċi ta' identifikazzjoni użat fis-suq lokali, mogħti mill-awtorità superviżorja kompetenti tal-impriża;<br>— Għal impriżi li mhumiex fiż-ŻEE u impriżi mhux regolati fl-ambitu tal-grupp, skont it-tifsira tal-Artikolu 212(1)(c) tad-Direttiva 2009/138/KE, il-kodiċi ta' identifikazzjoni jipprovdih il-grupp. Meta jkun qiegħed jalloka kodiċi ta' identifikazzjoni lil kull impriża mhux-ŻEE jew mhux regolata, il-grupp għandu jikkonforma mal-format li ġej b'mod konsistenti:<br>kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża prinċipali +<br>il-kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-pajjiż tal-impriża +<br>5 figuri |
| C0030 | Tip ta' kodiċi ta' ID tal-intrapriża | Identifikazzjoni tal-kodiċi użat fl-entrata "Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża":<br>1 — LEI<br>2 — Kodiċi speċifiku |
| C0040 | Isem ġuridiku tal-impriża. | Isem ġuridiku tal-impriża. |
| C0050 | Tip ta' impriża | Identifika t-tip ta' impriża li tagħti informazzjoni dwar it-tip ta' attività tal-impriża. Dan huwa applikabbli għall-impriżi ŻEE u ta' pajjiż terz. Għandha tintuża din il-lista magħluqa ta' għażliet:<br>1 — Impriża tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja<br>2 — Impriża tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja<br>3 — Impriża tar-riassigurazzjoni<br>4 — impriża komposta<br>5 — Kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni kif definit fl-Artikolu 212(1)(f) tad- Direttiva 2009/138/KE |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| | | 6 — kumpanija b'parteċipazzjoni assigurattiva b'attività mħallta kif definit fl- Artikolu 212(1)(g) tad- Direttiva 2009/138/KE<br>7 — Kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta kif definit fl-Artikolu 212 (1)(h) tad-Direttiva 2009/138/KE<br>8 — Istituzzjoni tal-kreditu, ditta tal-investiment u istituzzjoni finanzjarja<br>9 — Istituzzjoni għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali<br>10 — Impriża ta' servizzi anċillari kif definit fl-Artikolu 1(53) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35<br>11 — Impriża mhux regolata li twettaq attivitajiet finanzjarji kif definit fl-Artikolu 1(52) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 2015/35.<br>12 — Veikolu bi skop speċjali awtorizzat skont l-Artikolu 211 tad-Direttiva 2009/138/KE<br>13 — Veikolu bi skop speċjali li mhux veikolu bi skop speċjali awtorizzat skont l-Artikolu 211 tad-Direttiva 2009/138/KE<br>14 — Kumpaniji maniġerjali tal-UCITS kif definit fl-Artikolu 1 (54) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35<br>15 — Maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi kif definit fl-Artikolu 1 (55) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35<br>99 — Oħrajn |
| C0060 | Forma ġuridika | Identifika l-forma tal-impriża.<br>Għall-kategoriji 1 sa 4 fiċ-ċellola "tip ta' impriża", il-forma ġuridika għandha tkun konsistenti mal-Anness III tad-Direttiva 2009/138/KE. |
| C0070 | Kategorija (mutwa/mhux mutwa) | Indika l-informazzjoni f'livell għoli fil-forma ġuridika, jiġifieri jekk l-impriża hijiex mutwa jew le.<br>Għandha tintuża din il-lista magħluqa:<br>1 — Mutwa<br>2 — Mhux mutwa |
| C0080 | Awtorità Superviżorja | L-isem tal-Awtorità Superviżorja responsabbli mis-superviżjoni tal-impriża individwali li l-kategorija tagħha taqa taħt il-kategoriji 1 sa 4, 8, 9 u 12 fiċ-ċellola "Tip ta' impriża", fejn applikabbli.<br>Jekk jogħġbok uża l-isem sħiħ tal-awtorità. |

**Kriterji ta' influwenza**

| | | |
|---|---|---|
| C0180 | % tas-sehem ta' kapital | Il-proporzjon tal-kapital sottoskritt li qed jinżamm, direttament jew indirettament, mill-impriża parteċipanti fl-impriża (kif imsemmi fl- Artikolu 221 tad- Direttiva 2009/138/KE).<br>Din iċ-ċellola mhijiex applikabbli għal impriża prinċipali aħħarija. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| C0190 | % użat għall-istabbiliment ta' kontijiet konsolidati | Perċentwal kif definit mill-IFRS jew il-GAAP lokali għall-integrazzjoni ta' impriżi konsolidati fil-konsolidazzjoni li jista' jkun differenti mill-entrata C0180. Għal integrazzjoni sħiħa, interessi minoritarji għandhom ukoll jiġu divulgati f'din l-entrata.<br>Din iċ-ċellola mhijiex applikabbli għal impriża prinċipali aħħarija. |
| C0200 | % ta' drittijiet ta' vot | Il-proporzjon ta' drittijiet tal-vot li huwa miżmum, direttament jew indirettament, mill-impriża parteċipanti fl-impriża.<br>Din iċ-ċellola mhijiex applikabbli għal impriża prinċipali aħħarija. |
| C0210 | Kriterji oħra | Kriterji oħra utli biex jiġi vvalutat il-livell ta' influenza eżerċitat mill-impriża parteċipi, eż. il-ġestjoni ċentralizzata tar-riskju.<br>Din iċ-ċellola mhijiex applikabbli għal impriża prinċipali aħħarija. |
| C0220 | Livell ta' influwenza | Influenza tista' tkun dominanti jew sinifikanti, skont il-kriterji msemmija; il-grupp huwa responsabbli biex jivvaluta l-livell ta' influwenza eżerċitata mill-impriża parteċipi fuq kwalunkwe impriża, iżda kif maqul fl-Artikolu 212 (2) tad-Direttiva 2009/138/KE is-superviżur tal-grupp jista' jkollu fehma differenti minn dik tal-valutazzjoni tal-grupp, u jekk ikun hekk, il-grupp għandu jqis kwalunkwe deċiżjoni li jagħmel is-superviżur tal-grupp.<br>Din iċ-ċellola mhijiex applikabbli għal impriża prinċipali aħħarija.<br>Għandha tintuża din il-lista magħluqa:<br>1 — Dominanti<br>2 — Sinifikanti |
| C0230 | Is-sehem proporzjonali użat għall-kalkolu tas-solvenza tal-grupp | Is-sehem proporzjonali huwa l-proporzjon li se jintuża biex tiġi kkalkulata s-solvenza tal-grupp.<br>Din iċ-ċellola mhijiex applikabbli għal impriża prinċipali aħħarija. |

**Inklużjoni fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp**

| | | |
|---|---|---|
| C0240 | Inklużjoni fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp — Iva/Le | Indika jekk l-impriża hijiex inkluża jew le fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp kif imsemmi fl-Artikolu 214 tad-Direttiva 2009/138/KE; jekk impriża mhijiex inkluża fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp kif previst fl-Artikolu 214, allura jiġi indikat liema paragrafu mill-Artikolu 214 huwa r-raġuni.<br>Għandha tintuża din il-lista magħluqa:<br>1 — Inkluża fl-ambitu<br>2 — Mhux inkluża fl-ambitu (art. 214 a)<br>3 — Mhux inkluża fl-ambitu (art. 214 b)<br>4 — Mhux inkluża fl-ambitu (art. 214 c) |
| C0250 | Inklużjoni fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp — Id-data tad-deċiżjoni jekk jiġi applikat l-art. 214 | Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data li fiha ttieħdet id-deċiżjoni ta' esklużjoni. |

▼B

| | ENTRATA | STRUZZJONIJIET |
|---|---|---|
| **Il-kalkolu tas-solvenza tal-grupp** | | |
| C0260 | Il-metodu użat u taħt il-metodu 1, it-trattament tal-impriża | Din l-entrata tiġbor l-informazzjoni dwar il-metodu użat għall-kalkolu tas-solvenza tal-grupp u t-trattament ta' kull impriża.<br>Għandha tintuża din il-lista magħluqa:<br>1 — Metodu 1: Konsolidazzjoni sħiħa<br>2 — Metodu 1: Konsolidazzjoni proporzjonali<br>3 — Metodu 1: Il-metodu tal-ekwità aġġustat<br>4 — Metodu 1: Regoli settorjali<br>5 — Metodu 2: Solvibbiltà II<br>6 — Metodu 2: Regoli settorjali oħra<br>7 — Metodu 2: Regoli lokali<br>8 — Tnaqqis tal-parteċipazzjoni b'rabta mal-Artikolu 229 tad-Direttiva 2009/138/KE<br>9 — L-ebda inklużjoni fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp kif definit fl-Art. 214 tad-Direttiva 2009/138/KE<br>10 — Metodu ieħor |